| (5) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi biex tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni, inkluża fil-qasam tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, is-sostenibbiltà tat-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni, ir-reżiljenza u l-inklużività soċjali u l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, inklużi soluzzjonijiet li jindirizzaw il-frammentazzjoni tagħhom u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament għall-intrapriżi tal-Unjoni. Għal dan il-għan, dan jenħtieġ li jappoġġa proġetti teknikament u ekonomikament vijabbli billi jipprovdi qafas għall-użu ta' strumenti ta' dejn, ta' kondiviżjoni tar-riskju u ta' ekwità msejsa fuq garanzija mill-baġit tal-Unjoni u minn kontribuzzjonijiet minn sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Dan jenħtieġ li jkun immexxi mid-domanda filwaqt li l-appoġġ permezz tal-Fond InvestEU fl-istess waqt jenħtieġ li jiffoka fuq il-kontribut favur l-ilħiq tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni. | (5) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi biex tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni, inkluża fil-qasam tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, is-sostenibbiltà tat-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni, ir-reżiljenza u l-inklużività soċjali u l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, inklużi soluzzjonijiet li jindirizzaw il-frammentazzjoni tagħhom u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament għall-intrapriżi tal-Unjoni. Għal dan il-għan, dan jenħtieġ li jappoġġa proġetti teknikament u ekonomikament vijabbli billi jipprovdi qafas għall-użu ta' strumenti ta' dejn, ta' kondiviżjoni tar-riskju u ta' ekwità msejsa fuq garanzija mill-baġit tal-Unjoni u minn kontribuzzjonijiet minn sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ***kif rilevanti***. Dan jenħtieġ li jkun immexxi mid-domanda filwaqt li l-appoġġ permezz tal-Fond InvestEU fl-istess waqt jenħtieġ li jiffoka fuq il-kontribut favur l-ilħiq tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni. |

Or. en

**Emenda 168**
**Barbara Kappel**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi biex tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni, inkluża fil-qasam tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, is-sostenibbiltà tat-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni, ir-reżiljenza u l-inklużività soċjali u l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, inklużi soluzzjonijiet li jindirizzaw il-frammentazzjoni tagħhom u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament għall-intrapriżi tal-Unjoni. Għal dan il-għan, dan jenħtieġ li jappoġġa proġetti teknikament u ekonomikament vijabbli billi jipprovdi qafas għall-użu ta' strumenti ta' dejn, ta' kondiviżjoni tar-riskju u ta' ekwità msejsa fuq garanzija mill-baġit tal-Unjoni u minn kontribuzzjonijiet minn sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Dan jenħtieġ li jkun immexxi mid-domanda filwaqt li l-appoġġ permezz tal-Fond InvestEU fl-istess waqt jenħtieġ li jiffoka fuq il-kontribut favur l-ilħiq tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni. | (5) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi biex tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni, inkluża fil-qasam tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, is-sostenibbiltà tat-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni, ir-reżiljenza u l-inklużività soċjali u l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni, inklużi soluzzjonijiet li jindirizzaw il-frammentazzjoni tagħhom u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament għall-intrapriżi tal-Unjoni. Għal dan il-għan, dan jenħtieġ li jappoġġa proġetti teknikament u ekonomikament vijabbli billi jipprovdi qafas għall-użu ta' strumenti ta' dejn, ta' kondiviżjoni tar-riskju u ta' ekwità msejsa fuq garanzija mill-baġit tal-Unjoni u minn kontribuzzjonijiet minn sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ***kif rilevanti***. Dan jenħtieġ li jkun immexxi mid-domanda filwaqt li l-appoġġ permezz tal-Fond InvestEU fl-istess waqt jenħtieġ li jiffoka fuq il-kontribut favur l-ilħiq tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika li l-mod u l-forma tal-kontribuzzjoni tar-riżorsi proprji mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jenħtieġ li jkunu flessibbli sabiex tiġi ottimizzata l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU.*

**Emenda 169**
**Luigi Morgano, Silvia Costa**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Is-setturi kulturali u kreattivi huma fost l-aktar setturi ekonomiċi reżiljenti u li jikbru malajr fl-UE, filwaqt li jiġġeneraw valur ekonomiku u kulturali doppju mill-proprjetà intellettwali u l-kreattività individwali. Madankollu, in-natura intanġibbli tal-assi tagħhom tillimita l-aċċess tagħhom għall-finanzjament privat, li huwa essenzjali sabiex jinvestu, jespandu u jikkompetu fil-livell internazzjonali. Fid-dawl ta' tali karatteristiċi speċifiċi, il-programm InvestEU għandu jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament tal-mikrointrapriżi, tal-SMEs u tal-organizzazzjonijiet mis-setturi kulturali u kreattivi.*** |

Or. en

**Emenda 170**
**Pervenche Berès, Christian Ehler**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-aċċess għall-finanzjament jibqa' kwistjoni essenzjali għall-kumpaniji fis-settur kulturali u kreattiv. Sabiex dan is-settur b'livell għoli ta' innovazzjoni jkompli jiġi żviluppat, il-faċilità ta' garanzija ddedikata maħluqa f'Ewropa Kreattiva se titkompla taħt InvestEU peress li wriet li ssaħħaħ b'suċċess il-kapaċità finanzjarja u l-kompetittività tal-kumpaniji tas-setturi kulturali u kreattivi.*** |

Or. en

**Emenda 171**
**Pervenche Berès, Christian Ehler**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Is-setturi kulturali u kreattivi huma wieħed mill-aktar setturi reżiljenti u li jikbru malajr tal-ekonomija tal-UE, li jiġġeneraw valur ekonomiku u kulturali mill-proprjetà intellettwali u l-kreattività individwali. Madankollu, in-natura intanġibbli tal-assi tagħhom tillimita l-aċċess tagħhom għall-finanzjament privat. Għalhekk, waħda mill-akbar sfidi għas-setturi hija relatata maż-żieda tal-aċċess tagħhom għall-finanzjament, li hija essenzjali sabiex jinvestu, jespandu u jikkompetu fil-livell internazzjonali. Għalhekk, il-programm InvestEU jenħtieġ li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament tal-SMEs u tal-organizzazzjonijiet mis-setturi kulturali u kreattivi.*** |

Or. en

**Emenda 172**
**Eva Kaili**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem it-tkabbir, ***l-investiment u l-impjiegi***, u b'hekk jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu fl-Unjoni. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' | (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem it-tkabbir ***sostenibbli u inklużiv abbażi ta' żieda fir-rati tal-produttività totali tal-fatturi***, ***investiment bi spiża baxxa u impjiegi ta' kwalità tajba***, u b'hekk jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu ***u*** |

| | |
|---|---|
| għotjiet. | ***għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali*** fl-Unjoni. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' għotjiet ***u mhux jissostitwixxih***. |

Or. en

**Emenda 173**
**Marco Valli, Laura Agea**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem it-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi, ***u b'hekk*** jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri ***u*** għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu fl-Unjoni. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' għotjiet. | (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem it-tkabbir ***sostenibbli u inklużiv***, l-investiment ***sostenibbli*** u l-impjiegi ***ta' kwalità fit-tul***, ***bil-għan li*** jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri**,** għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu ***u għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali msaħħa*** fl-Unjoni. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' għotjiet. |

Or. en

**Emenda 174**
**Miguel Viegas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem ***it-tkabbir***, l-investiment u l-impjiegi***, u b'hekk*** | (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem ***tkabbir sostenibbli***, l-investiment u l-impjiegi |

jikkontribwixxi ***għal titjib fil-benesseri u*** għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu ***fl-Unjoni***. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ ***tal-Unjoni*** li jitwassal permezz ta' għotjiet.

***b'drittijiet, u jenħtieġ li*** jikkontribwixxi ***biex iżid il-kundizzjonijiet tal-ħajja tan-nies u l-ħaddiema*** għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu ***fl-Istati Membri u bejniethom***. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ ***tal-UE*** li jitwassal permezz ta' għotjiet.

Or. pt

**Emenda 175**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem it-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi, u b'hekk jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu fl-Unjoni. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' għotjiet. | (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem it-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi, u b'hekk jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu fl-Unjoni. ***Il-proġetti ffinanzjati mill-Fond InvestEU jridu jissodisfaw standards soċjali u ambjentali, bħar-rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema u l-użu tal-enerġija u l-ġestjoni tal-iskart li ma jagħmlux ħsara lill-klima.*** L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' għotjiet. |

Or. en

**Emenda 176**
**Alfred Sant**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem it-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi, u b'hekk jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu fl-Unjoni. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' għotjiet. | (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem it-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi, u b'hekk jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu fl-Unjoni. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' għotjiet***, u b'hekk, jenħtieġ li japplikaw l-istess regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-istat***. |

Or. en

**Emenda 177**
**Dimitrios Papadimoulis, Liadh Ní Riada**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem it-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi, u b'hekk jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu fl-Unjoni. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' għotjiet. | (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli***, inklużi l-wirt kulturali u t-turiżmu*** biex irawwem it-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi, u b'hekk jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu fl-Unjoni. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' għotjiet. |

Or. en

**Emenda 178**
**Eider Gardiazabal Rubial**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem it-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi, u b'hekk jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu fl-Unjoni. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' għotjiet. | (6) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jappoġġa investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli biex irawwem it-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi ***sostenibbli***, u b'hekk jikkontribwixxi għal titjib fil-benesseri u għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu fl-Unjoni. L-intervent permezz tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkumplimenta l-appoġġ tal-Unjoni li jitwassal permezz ta' għotjiet. |

Or. en

**Emenda 179**
**Dimitrios Papadimoulis, Liadh Ní Riada**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(6a) L-addizzjonalità, karatteristika ewlenija tal-FEIS, jenħtieġ li tissaħħaħ fil-kriterji ta' għażla tal-Programm InvestEU. B'mod partikolari, l-operazzjonijiet jenħtieġ li jkunu eliġibbli biss jekk jindirizzaw nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali identifikati b'mod ċar. Il-Programm InvestEU jenħtieġ li ma jappoġġax investimenti pubbliċi-privati fl-infrastruttura, peress li b'mod ġenerali dawn huma aktar għalja għall-kontribwenti u għall-konsumaturi.*** |

Or. en

**Emenda 180**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Il-Kummissjoni, il-Kumitat ta' Investiment u s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-proġetti ffinanzjati taħt il-programm InvestEU li jirrappreżentaw sħubiji pubbliċi-privati ma jinkludux strutturi ta' inċentivi għall-atturi privati li jistgħu jwasslu għal telf kbir għas-settur pubbliku.*** |

Or. en

**Emenda 181**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-Unjoni approvat l-għanijiet stabbiliti fl-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti 2030 u fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha u l-Ftehim ta' Pariġi fl-2015 kif ukoll il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030. Biex jintlaħqu l-għanijiet miftiehma, inklużi dawk inkorporati fil-politiki ambjentali tal-Unjoni, l-azzjoni favur l-iżvilupp sostenibbli għandha tiżdied b'mod sinifikanti. Għalhekk, il-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli jenħtieġ li ***jkollhom rwol prominenti fit-tfassil*** tal-Fond InvestEU. | (7) L-Unjoni approvat l-għanijiet stabbiliti fl-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti 2030 u fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha u l-Ftehim ta' Pariġi fl-2015 kif ukoll il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030. Biex jintlaħqu l-għanijiet miftiehma, inklużi dawk inkorporati fil-politiki ambjentali tal-Unjoni, l-azzjoni favur l-iżvilupp sostenibbli għandha tiżdied b'mod sinifikanti. Għalhekk, il-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli***, tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, tas-sigurtà u tal-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima*** jenħtieġ li ***jkunu l-bażi tat-tfassil*** tal-Fond InvestEU. ***Għal dan il-għan, l-infrastruttura tal-karburanti fossili u l-installazzjonijiet nukleari fis-settur tal-enerġija mhux se jkunu intitolati għall-finanzjament.*** |

Or. en

**Emenda 182**
**Miguel Viegas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-Unjoni approvat l-għanijiet stabbiliti fl-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti 2030 u fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha u l-Ftehim ta' Pariġi fl-2015 kif ukoll il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030. Biex jintlaħqu l-għanijiet miftiehma, inklużi dawk inkorporati fil-politiki ambjentali tal-Unjoni, l-azzjoni favur l-iżvilupp sostenibbli għandha tiżdied b'mod sinifikanti. Għalhekk, il-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli jenħtieġ li jkollhom rwol prominenti fit-tfassil tal-Fond InvestEU. | (7) L-Unjoni approvat l-għanijiet stabbiliti fl-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti 2030 u fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha u l-Ftehim ta' Pariġi fl-2015 kif ukoll il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030. Biex jintlaħqu l-għanijiet miftiehma, inklużi dawk inkorporati fil-politiki ***soċjali u*** ambjentali tal-Unjoni, l-azzjoni favur l-iżvilupp sostenibbli għandha tiżdied b'mod sinifikanti. Għalhekk, il-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli jenħtieġ li jkollhom rwol prominenti fit-tfassil tal-Fond InvestEU. |

Or. pt

**Emenda 183**
**Marco Valli**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-bini ta' sistema ta' finanzjament sostenibbli fl-Unjoni li tappoġġa r-riorjentazzjoni tal-kapital privat lejn investimenti sostenibbli skont l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli[13]. | (8) Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-bini ta' sistema ta' finanzjament sostenibbli fl-Unjoni li tappoġġa r-riorjentazzjoni tal-kapital privat lejn investimenti sostenibbli ***li jintegraw bis-sħiħ fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza,*** skont l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli[13]. |

[13] COM(2018)97 final.

[13] COM(2018)97 final.

Or. en

**Emenda 184**
**Luigi Morgano**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Fl-ispirtu li jitrawmu finanzjament fit-tul u tkabbir sostenibbli, l-istrateġiji għall-investimenti fit-tul tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni jenħtieġ li jiġu mħeġġa permezz ta' reviżjoni tar-rekwiżiti tas-solvenza dwar il-kontribuzzjonijiet għall-finanzjament ta' proġetti ta' investiment sostnuti mill-Garanzija tal-UE fil-qafas tal-Programm InvestEU. Sabiex l-inċentivi tal-assiguraturi jiġu allinjati mal-għan tal-Unjoni ta' tkabbir sostenibbli fit-tul u jiġu eliminati l-ostakoli għall-investimenti taħt il-Programm InvestEU, jenħtieġ li għalhekk il-Kummissjoni tqis din ir-reviżjoni bħala parti mir-rieżami msemmi fl-Artikolu 77f(3) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II).*** |

Or. en

**Emenda 185**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(8a) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali dwar il-klima, il-miri ta' azzjoni klimatika jenħtieġ li b'mod ġenerali ma jkunux inqas minn 50 %. Sabiex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri obbligatorji ta' azzjoni klimatika f'leġiżlazzjonijiet speċifiċi għall-programm u tkun meħtieġa allokazzjoni ex ante fil-proċessi kollha ta' pprogrammar u ppjanar minflok kontabbiltà ex-post.*** |

Or. en

**Emenda 186**
**Sven Giegold, Jordi Solé**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn ***25 %*** tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu ***30 %*** tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u | (9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità ***mal-għanijiet fit-tul tal-Unjoni relatati mal-klima u mal-baġit tal-karbonju li jifdal,*** mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn ***50 %*** tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu ***mill-inqas 60 %*** tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal- |

tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.

Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti. ***L-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika u l-mekkaniżmi ta' protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima jenħtieġ li jkunu unifikati billi s-sistema tas-Suq ta' Rio tiġi riformata, estiża u ċentralizzata, sabiex issir distinzjoni bejn il-mitigazzjoni u l-adattament, u bejn is-setturi: u permezz ta' valutazzjonijiet "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" matul l-ippjanar tal-investiment fl-infrastruttura, kif stabbilit fir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, kif ukoll kriterji ċari ta' esklużjoni.***

Or. en

**Emenda 187**
**Othmar Karas, Eva Maydell**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn ***25 %*** tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u | (9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn ***30 %*** tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu ***mill-inqas*** 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima***, filwaqt li jirrikonoxxu n-natura xprunata mid-domanda tal-Fond InvestEU. Il-finanzjament għall-SMEs u għall-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja*** |

| | |
|---|---|
| tal-proċessi ta' rieżami rilevanti. | ***jenħtieġ li ma jiġix inkluż f'dik il-komputazzjoni.*** L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mal-mira fl-abbozz ta' rapport b'kunsiderazzjoni ta-negozjati kontinwi dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021 sal-2027, b'enfasi fuq il-mira klimatika bħala miżura orizzontali filwaqt li tiġi rikonoxxuta n-natura xprunata mid-domanda tal-Fond InvestEU.*

**Emenda 188**
**Eva Kaili**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn ***25 %*** tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti. | (9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn ***30 %*** tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. ***Mill-inqas 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-għanijiet relatati mal-klima.*** Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati |

| | |
|---|---|
| | mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti. |

Or. en

**Emenda 189**
**Nils Torvalds, Ramon Tremosa i Balcells**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn ***25 %*** tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu ***30 %*** tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti. | (9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ***rapida*** ta' mira ġenerali fejn ***30 %*** tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu ***40 %*** tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti. |

Or. en

**Emenda 190**
**Esther de Lange**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

(9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn ***25 %*** tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu ***30 %*** tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.

(9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn ***30 %*** tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu ***35 %*** tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.

Or. en

**Emenda 191**
**José Manuel Fernandes, Roberto Gualtieri**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn 25 % tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija jikkontribwixxu 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L- | (9) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm InvestEU se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi ewlenin u għall-kisba ta' mira ġenerali fejn 25 % tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa għanijiet relatati mal-klima ***matul il-perjodu 2021-2027 tal-QFP u mira annwali ta' 30 % malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-2027***. Azzjonijiet fil-qafas tal-Programm InvestEU huma mistennija |

| | |
|---|---|
| azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti. | jikkontribwixxu 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm InvestEU għall-għanijiet tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm InvestEU, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti. |

Or. en

**Emenda 192**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Fir-rigward tal-ispiża tal-kapital ta' proġetti relatati mal-enerġija rinnovabbli, il-Fond InvestEU jenħtieġ li jippermetti li jintuża strument ta' garanzija innovattiv biex jitnaqqsu r-riskju regolatorju u l-ispiża għolja assoċjata tal-kapital f'xi Stati Membri. Din il-possibbiltà jenħtieġ li tkun miftuħa fuq bażi volontarja. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, il-Fond InvestEU jenħtieġ li jikkontribwixxi fejn xieraq għall-qafas ta' abilitazzjoni għall-investiment fl-enerġija rinnovabbli kif stabbilit fl-Artikolu 3.5 tad-[Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli] riveduta, inkluż il-mekkaniżmu ta' finanzjament stabbilit mill-Artikolu 27a tar-[Regolament dwar il-Governanza].*** |

Or. en

**Emenda 193**
**Nicola Caputo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-kontribut tal-Fond InvestEU għall-kisba tal-mira tal-klima se jiġi traċċat permezz ta' sistema tal-UE tal-intraċċar tal-klima żviluppata mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u bl-użu xieraq tal-kriterji stabbiliti bir-[Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-iffaċilitar tal-investiment sostenibbli[14]] biex jiġi ddeterminat jekk attività ekonomika ***tkunx ambjentalment sostenibbli***. | (10) Il-kontribut tal-Fond InvestEU għall-kisba tal-mira tal-klima se jiġi traċċat permezz ta' sistema tal-UE tal-intraċċar tal-klima żviluppata mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u bl-użu xieraq tal-kriterji stabbiliti bir-[Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-iffaċilitar tal-investiment sostenibbli[14]] biex jiġi ddeterminat jekk attività ekonomika ***tippreżentax effetti partikolari ta' mitigazzjoni jew tikkontribwixxix biex issaħħaħ ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima***. |

[14] COM(2018)353.

Or. it

**Emenda 194**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-kontribut tal-Fond InvestEU għall-kisba tal-mira tal-klima se jiġi traċċat permezz ta' sistema tal-UE tal-intraċċar tal-klima żviluppata mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u bl-użu xieraq tal-kriterji stabbiliti bir-[Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-iffaċilitar tal-investiment sostenibbli[14]] biex jiġi ddeterminat jekk attività ekonomika tkunx ambjentalment sostenibbli. | (10) Il-kontribut tal-Fond InvestEU għall-kisba tal-mira tal-klima se jiġi traċċat permezz ta' sistema tal-UE tal-intraċċar tal-klima żviluppata mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u bl-użu xieraq tal-kriterji stabbiliti bir-[Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-iffaċilitar tal-investiment sostenibbli[14]] biex jiġi ddeterminat jekk attività ekonomika tkunx ambjentalment sostenibbli. ***Il-Fond InvestEU se jikkontribwixxi wkoll għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fil-politiki u l-inizjattivi tal-UE, bl-iżvilupp sostenibbli bħala prinċipju gwida essenzjali.*** |

Or. en

**Emenda 195**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Skont ir-Rapport dwar ir-Riskji Globali tal-2018 maħruġ mill-Forum Ekonomiku Dinji, nofs l-aktar għaxar riskji kritiċi li jheddu l-ekonomija globali huma relatati mal-ambjent. Dawn ir-riskji jinkludu t-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-avvenimenti klimatiċi estremi, it-telf tal-bijodiversità u l-fallimenti fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-prinċipji ambjentali huma integrati bis-sħiħ fit-Trattati u f'ħafna mill-politiki tal-Unjoni. Għalhekk, l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali jenħtieġ li tiġi promossa f'operazzjonijiet relatati mal-Fond InvestEU. Il-protezzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati jenħtieġ li jkunu integrati fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-investimenti. L-UE jenħtieġ ukoll li tintraċċa n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja relatati mal-kontroll tan-nefqa sabiex tissodisfa l-obbligi tar-rappurtar skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. ***Investiment allokat għal għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali*** jenħtieġ għalhekk jiġi segwit permezz ta' metodoloġiji komuni koerenti ma' dik żviluppata fil-qafas ta' programmi oħra tal- | (11) Skont ir-Rapport dwar ir-Riskji Globali tal-2018 maħruġ mill-Forum Ekonomiku Dinji, nofs l-aktar għaxar riskji kritiċi li jheddu l-ekonomija globali huma relatati mal-ambjent. Dawn ir-riskji jinkludu t-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-avvenimenti klimatiċi estremi, it-telf tal-bijodiversità u l-fallimenti fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-prinċipji ambjentali huma integrati bis-sħiħ fit-Trattati u f'ħafna mill-politiki tal-Unjoni. Għalhekk, l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali jenħtieġ li tiġi promossa f'operazzjonijiet relatati mal-Fond InvestEU. Il-protezzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati jenħtieġ li jkunu integrati fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-investimenti. L-UE jenħtieġ ukoll li tintraċċa n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja relatati mal-kontroll tan-nefqa sabiex tissodisfa l-obbligi tar-rappurtar skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. ***L-investiment kollu*** jenħtieġ għalhekk jiġi segwit permezz ta' metodoloġiji komuni koerenti ma' dik żviluppata fil-qafas ta' programmi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-klima, il- |

| | |
|---|---|
| Unjoni applikabbli għall-klima, il-bijodiversità u t-tniġġis tl-arja sabiex tkun possibbli l-valutazzjoni tal-impatt individwali u kkombinat tal-investimenti fuq komponenti ewlenin tal-kapital naturali, inklużi l-arja, l-ilma, l-art u l-bijodiversità. | bijodiversità u t-tniġġis tl-arja sabiex tkun possibbli l-valutazzjoni tal-impatt individwali u kkombinat tal-investimenti fuq komponenti ewlenin tal-kapital naturali, inklużi l-arja, l-ilma, l-art***, il-ħamrija*** u l-bijodiversità. |

Or. en

**Emenda 196**
**Esther de Lange**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Skont ir-Rapport dwar ir-Riskji Globali tal-2018 maħruġ mill-Forum Ekonomiku Dinji, nofs l-aktar għaxar riskji kritiċi li jheddu l-ekonomija globali huma relatati mal-ambjent. Dawn ir-riskji jinkludu t-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-avvenimenti klimatiċi estremi, it-telf tal-bijodiversità u l-fallimenti fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-prinċipji ambjentali huma integrati bis-sħiħ fit-Trattati u f'ħafna mill-politiki tal-Unjoni. Għalhekk, l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali jenħtieġ li tiġi promossa f'operazzjonijiet relatati mal-Fond InvestEU. Il-protezzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati jenħtieġ li jkunu integrati fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-investimenti. L-UE jenħtieġ ukoll li tintraċċa n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja relatati mal-kontroll tan-nefqa sabiex tissodisfa l-obbligi tar-rappurtar skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. Investiment allokat għal għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali jenħtieġ għalhekk jiġi segwit permezz ta' | (11) Skont ir-Rapport dwar ir-Riskji Globali tal-2018 maħruġ mill-Forum Ekonomiku Dinji, nofs l-aktar għaxar riskji kritiċi li jheddu l-ekonomija globali huma relatati mal-ambjent. Dawn ir-riskji jinkludu t-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-avvenimenti klimatiċi estremi, it-telf tal-bijodiversità u l-fallimenti fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-prinċipji ambjentali huma integrati bis-sħiħ fit-Trattati u f'ħafna mill-politiki tal-Unjoni. Għalhekk, l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali jenħtieġ li tiġi promossa f'operazzjonijiet relatati mal-Fond InvestEU. Il-protezzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati***, inkluża t-tħejjija għal diżastri naturali jekk tkun konformi mal-kriterji ta' investiment stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż ir-rekwiżit ta' addizzjonalità,*** jenħtieġ li jkunu integrati fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-investimenti. L-UE jenħtieġ ukoll li tintraċċa n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja relatati mal-kontroll tan-nefqa sabiex tissodisfa l-obbligi tar-rappurtar skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u d-Direttiva |

| | |
|---|---|
| metodoloġiji komuni koerenti ma' dik żviluppata fil-qafas ta' programmi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-klima, il-bijodiversità u t-tniġġis tl-arja sabiex tkun possibbli l-valutazzjoni tal-impatt individwali u kkombinat tal-investimenti fuq komponenti ewlenin tal-kapital naturali, inklużi l-arja, l-ilma, l-art u l-bijodiversità. | (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. Investiment allokat għal għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali jenħtieġ għalhekk jiġi segwit permezz ta' metodoloġiji komuni koerenti ma' dik żviluppata fil-qafas ta' programmi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-klima, il-bijodiversità u t-tniġġis tl-arja sabiex tkun possibbli l-valutazzjoni tal-impatt individwali u kkombinat tal-investimenti fuq komponenti ewlenin tal-kapital naturali, inklużi l-arja, l-ilma, l-art u l-bijodiversità. |
| [15] Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1). | [15] Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1). |

Or. en

**Emenda 197**
**Gabriel Mato**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Skont ir-Rapport dwar ir-Riskji Globali tal-2018 maħruġ mill-Forum Ekonomiku Dinji, nofs l-aktar għaxar riskji kritiċi li jheddu l-ekonomija globali huma relatati mal-ambjent. Dawn ir-riskji jinkludu t-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-avvenimenti klimatiċi estremi, it-telf tal-bijodiversità u l-fallimenti fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-prinċipji ambjentali huma integrati bis-sħiħ fit-Trattati u f'ħafna mill-politiki tal-Unjoni. Għalhekk, l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali | (11) Skont ir-Rapport dwar ir-Riskji Globali tal-2018 maħruġ mill-Forum Ekonomiku Dinji, nofs l-aktar għaxar riskji kritiċi li jheddu l-ekonomija globali huma relatati mal-ambjent. Dawn ir-riskji jinkludu t-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-avvenimenti klimatiċi estremi, it-telf tal-bijodiversità u l-fallimenti fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-prinċipji ambjentali huma integrati bis-sħiħ fit-Trattati u f'ħafna mill-politiki tal-Unjoni. Għalhekk, l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali |

| | |
|---|---|
| jenħtieġ li tiġi promossa f'operazzjonijiet relatati mal-Fond InvestEU. Il-protezzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati jenħtieġ li jkunu integrati fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-investimenti. L-UE jenħtieġ ukoll li tintraċċa n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja relatati mal-kontroll tan-nefqa sabiex tissodisfa l-obbligi tar-rappurtar skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] . Investiment allokat għal għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali jenħtieġ għalhekk jiġi segwit permezz ta' metodoloġiji komuni koerenti ma' dik żviluppata fil-qafas ta' programmi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-klima, il-bijodiversità u t-tniġġis tl-arja sabiex tkun possibbli l-valutazzjoni tal-impatt individwali u kkombinat tal-investimenti fuq komponenti ewlenin tal-kapital naturali, inklużi l-arja, l-ilma, l-art u l-bijodiversità. | jenħtieġ li tiġi promossa f'operazzjonijiet relatati mal-Fond InvestEU. Il-protezzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati***, inklużi fenomeni bħal għargħar, terremoti, nirien u katastrofi oħra,*** jenħtieġ li jkunu integrati fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-investimenti. L-UE jenħtieġ ukoll li tintraċċa n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja relatati mal-kontroll tan-nefqa sabiex tissodisfa l-obbligi tar-rappurtar skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] . Investiment allokat għal għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali jenħtieġ għalhekk jiġi segwit permezz ta' metodoloġiji komuni koerenti ma' dik żviluppata fil-qafas ta' programmi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-klima, il-bijodiversità u t-tniġġis tl-arja sabiex tkun possibbli l-valutazzjoni tal-impatt individwali u kkombinat tal-investimenti fuq komponenti ewlenin tal-kapital naturali, inklużi l-arja, l-ilma, l-art u l-bijodiversità. |
| [15] Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1). | [15] Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1). |

Or. es

**Emenda 198**
**Eva Kaili**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Skont ir-Rapport dwar ir-Riskji | (11) Skont ir-Rapport dwar ir-Riskji |

Globali tal-2018 maħruġ mill-Forum Ekonomiku Dinji, nofs l-aktar għaxar riskji kritiċi li jheddu l-ekonomija globali huma relatati mal-ambjent. Dawn ir-riskji jinkludu t-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-avvenimenti klimatiċi estremi, it-telf tal-bijodiversità u l-fallimenti fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-prinċipji ambjentali huma integrati bis-sħiħ fit-Trattati u f'ħafna mill-politiki tal-Unjoni. Għalhekk, l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali jenħtieġ li tiġi promossa f'operazzjonijiet relatati mal-Fond InvestEU. Il-protezzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati jenħtieġ li jkunu integrati fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-investimenti. L-UE jenħtieġ ukoll li tintraċċa n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja relatati mal-kontroll tan-nefqa sabiex tissodisfa l-obbligi tar-rappurtar skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. Investiment allokat għal għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali jenħtieġ għalhekk jiġi segwit permezz ta' metodoloġiji komuni koerenti ma' dik żviluppata fil-qafas ta' programmi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-klima, il-bijodiversità u t-tniġġis tl-arja sabiex tkun possibbli l-valutazzjoni tal-impatt individwali u kkombinat tal-investimenti fuq komponenti ewlenin tal-kapital naturali, inklużi l-arja, l-ilma, l-art u l-bijodiversità.

[15] Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

Globali tal-2018 maħruġ mill-Forum Ekonomiku Dinji, nofs l-aktar għaxar riskji kritiċi li jheddu l-ekonomija globali huma relatati mal-ambjent. Dawn ir-riskji jinkludu t-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-avvenimenti klimatiċi estremi, it-telf tal-bijodiversità u l-fallimenti fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-prinċipji ambjentali huma integrati bis-sħiħ fit-Trattati u f'ħafna mill-politiki tal-Unjoni. Għalhekk, l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali jenħtieġ li tiġi promossa f'operazzjonijiet relatati mal-Fond InvestEU. Il-protezzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati***, inkluż għal avvenimenti bħal għargħar, terremoti, nirien fil-foresti u katastrofi oħra,*** jenħtieġ li jkunu integrati fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-investimenti. L-UE jenħtieġ ukoll li tintraċċa n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja relatati mal-kontroll tan-nefqa sabiex tissodisfa l-obbligi tar-rappurtar skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u d-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. Investiment allokat għal għanijiet tas-sostenibbiltà ambjentali jenħtieġ għalhekk jiġi segwit permezz ta' metodoloġiji komuni koerenti ma' dik żviluppata fil-qafas ta' programmi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-klima, il-bijodiversità u t-tniġġis tl-arja sabiex tkun possibbli l-valutazzjoni tal-impatt individwali u kkombinat tal-investimenti fuq komponenti ewlenin tal-kapital naturali, inklużi l-arja, l-ilma, l-art u l-bijodiversità.

| Kummissjoni b'ġestjoni indiretta. L-Unjoni jenħtieġ li tiggarantixxi l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment previsti mill-ftehim(iet) ta' garanzija konklużi bejn il-Kummissjoni u l-partijiet inkarigati mill-implimentazzjoni fil-kompartiment tal-Istat Membru, il-Fondi ***b'ġestjoni kondiviża*** jenħtieġ li jipprovdu l-proviżjonament tal-garanzija, abbażi ta' rata ta' proviżjonament determinata mill-Kummissjoni fid-dawl tan-natura tal-operazzjonijiet u tat-telf mistenni riżultanti, u l-Istat Membru jġorr it-telf li jkun ogħla mit-telf mistenni billi joħroġ garanzija dahar ma' dahar favur l-Unjoni. Dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi fi ftehim ta' kontribuzzjoni waħdieni ma' kull Stat Membru li jagħżel din l-għażla b'mod volontarju. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni jenħtieġ li jinkludi ftehim ta' garanzija speċifiku wieħed (jew aktar) li jkun se jiġi implimentat fl-Istat Membru kkonċernat. L-iffissar tar-rata ta' proviżjonament fuq bażi ta' każ b'każ jeħtieġ deroga mill-[Artikolu 211(1)] tar-Regolament (UE, Euratom) Nru XXXX[19] (ir-"Regolament Finanzjarju"). Dan id-disinn jipprovdi wkoll sett uniku ta' regoli għal garanziji baġitarji appoġġati minn fondi ġestiti b'mod ċentrali ***jew minn fondi b'ġestjoni kondiviża***, u dan għandu jiffaċilita l-kombinazzjoni tagħhom. | Kummissjoni b'ġestjoni indiretta. L-Unjoni jenħtieġ li tiggarantixxi l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment previsti mill-ftehim(iet) ta' garanzija konklużi bejn il-Kummissjoni u l-partijiet inkarigati mill-implimentazzjoni fil-kompartiment tal-Istat Membru, il-Fondi ***nazzjonali*** jenħtieġ li jipprovdu l-proviżjonament tal-garanzija, abbażi ta' rata ta' proviżjonament determinata mill-Kummissjoni fid-dawl tan-natura tal-operazzjonijiet u tat-telf mistenni riżultanti, u l-Istat Membru jġorr it-telf li jkun ogħla mit-telf mistenni billi joħroġ garanzija dahar ma' dahar favur l-Unjoni. Dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi fi ftehim ta' kontribuzzjoni waħdieni ma' kull Stat Membru li jagħżel din l-għażla b'mod volontarju. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni jenħtieġ li jinkludi ftehim ta' garanzija speċifiku wieħed (jew aktar) li jkun se jiġi implimentat fl-Istat Membru kkonċernat. L-iffissar tar-rata ta' proviżjonament fuq bażi ta' każ b'każ jeħtieġ deroga mill-[Artikolu 211(1)] tar-Regolament (UE, Euratom) Nru XXXX[19] (ir-"Regolament Finanzjarju"). Dan id-disinn jipprovdi wkoll sett uniku ta' regoli għal garanziji baġitarji appoġġati minn fondi ġestiti b'mod ċentrali, u dan għandu jiffaċilita l-kombinazzjoni tagħhom. |

Or. en

**Emenda 239**
**Eider Gardiazabal Rubial**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Il-kompartiment tal-Istat Membru jenħtieġ li jkun imfassal speċifikament sabiex jippermetti l-użu ta' fondi b'ġestjoni kondiviża għall-proviżjonament ta' | (20) Il-kompartiment tal-Istat Membru jenħtieġ li jkun imfassal speċifikament sabiex jippermetti l-użu ta' fondi b'ġestjoni kondiviża għall-proviżjonament ta' |

garanzija maħruġa mill-Unjoni. Din il-kombinazzjoni timmira li timmobilizza l-klassifikazzjoni għolja tal-kreditu tal-Unjoni biex tippromwovi investimenti nazzjonali u reġjonali filwaqt li tiżgura ġestjoni konsistenti tar-riskju tar-responsabbiltajiet kontinġenti billi timplimenta l-garanzija mogħtija mill-Kummissjoni b'ġestjoni indiretta. L-Unjoni jenħtieġ li tiggarantixxi l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment previsti mill-ftehim(iet) ta' garanzija konklużi bejn il-Kummissjoni u l-partijiet inkarigati mill-implimentazzjoni fil-kompartiment tal-Istat Membru, il-Fondi b'ġestjoni kondiviża jenħtieġ li jipprovdu l-proviżjonament tal-garanzija, abbażi ta' rata ta' proviżjonament determinata mill-Kummissjoni fid-dawl tan-natura tal-operazzjonijiet u tat-telf mistenni riżultanti, u l-Istat Membru jġorr it-telf li jkun ogħla mit-telf mistenni billi joħroġ garanzija dahar ma' dahar favur l-Unjoni. Dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi fi ftehim ta' kontribuzzjoni waħdieni ma' kull Stat Membru li jagħżel din l-għażla b'mod volontarju. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni jenħtieġ li jinkludi ftehim ta' garanzija speċifiku wieħed (jew aktar) li jkun se jiġi implimentat fl-Istat Membru kkonċernat. L-iffissar tar-rata ta' proviżjonament fuq bażi ta' każ b'każ jeħtieġ deroga mill-[Artikolu 211(1)] tar-Regolament (UE, Euratom) Nru XXXX[19] (ir-“Regolament Finanzjarju"). Dan id-disinn jipprovdi wkoll sett uniku ta' regoli għal garanziji baġitarji appoġġati minn fondi ġestiti b'mod ċentrali jew minn fondi b'ġestjoni kondiviża, u dan għandu jiffaċilita l-kombinazzjoni tagħhom.

garanzija maħruġa mill-Unjoni. ***L-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw din l-għażla li għandha tibda biss mill-1 ta' Jannar 2024. Dawn jistgħu jużaw sa 3 % tal-pakkett finanzjarju ta' kull fond b'ġestjoni kondiviża ddefinit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament. Meta awtorità reġjonali jew lokali tkun immaniġġjat fondi b'ġestjoni kondiviża, l-Istat Membru li jrid jippermetti l-użu ta' dawk il-fondi fil-programm InvestEU għandu jikkonkludi ftehim speċifiku mal-awtorità reġjonali jew lokali kkonċernata. Tali ftehim jista' jipprevedi attivitajiet ta' investiment fit-territorju tar-reġjun jew tal-awtorità lokali.*** Din il-kombinazzjoni timmira li timmobilizza l-klassifikazzjoni għolja tal-kreditu tal-Unjoni biex tippromwovi investimenti nazzjonali u reġjonali filwaqt li tiżgura ġestjoni konsistenti tar-riskju tar-responsabbiltajiet kontinġenti billi timplimenta l-garanzija mogħtija mill-Kummissjoni b'ġestjoni indiretta. L-Unjoni jenħtieġ li tiggarantixxi l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment previsti mill-ftehim(iet) ta' garanzija konklużi bejn il-Kummissjoni u l-partijiet inkarigati mill-implimentazzjoni fil-kompartiment tal-Istat Membru, il-Fondi b'ġestjoni kondiviża jenħtieġ li jipprovdu l-proviżjonament tal-garanzija, abbażi ta' rata ta' proviżjonament determinata mill-Kummissjoni fid-dawl tan-natura tal-operazzjonijiet u tat-telf mistenni riżultanti, u l-Istat Membru jġorr it-telf li jkun ogħla mit-telf mistenni billi joħroġ garanzija dahar ma' dahar favur l-Unjoni. Dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi fi ftehim ta' kontribuzzjoni waħdieni ma' kull Stat Membru li jagħżel din l-għażla b'mod volontarju. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni jenħtieġ li jinkludi ftehim ta' garanzija speċifiku wieħed (jew aktar) li jkun se jiġi implimentat fl-Istat Membru kkonċernat. L-iffissar tar-rata ta' proviżjonament fuq bażi ta' każ b'każ jeħtieġ deroga mill-[Artikolu 211(1)] tar-Regolament (UE, Euratom) Nru XXXX[19]

(ir-“Regolament Finanzjarju"). Dan id-disinn jipprovdi wkoll sett uniku ta' regoli għal garanziji baġitarji appoġġati minn fondi ġestiti b'mod ċentrali jew minn fondi b'ġestjoni kondiviża, u dan għandu jiffaċilita l-kombinazzjoni tagħhom.

________________

[19] *0*

Or. en

**Emenda 240**
**Marco Valli**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Il-kompartiment tal-Istat Membru jenħtieġ li jkun imfassal speċifikament sabiex jippermetti l-użu ta' fondi b'ġestjoni kondiviża għall-proviżjonament ta' garanzija maħruġa mill-Unjoni. Din il-kombinazzjoni timmira li timmobilizza l-klassifikazzjoni għolja tal-kreditu tal-Unjoni biex tippromwovi investimenti nazzjonali u reġjonali filwaqt li tiżgura ġestjoni konsistenti tar-riskju tar-responsabbiltajiet kontinġenti billi timplimenta l-garanzija mogħtija mill-Kummissjoni b'ġestjoni indiretta. L-Unjoni jenħtieġ li tiggarantixxi l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment previsti mill-ftehim(iet) ta' garanzija konklużi bejn il-Kummissjoni u l-partijiet inkarigati mill-implimentazzjoni fil-kompartiment tal-Istat Membru, il-Fondi b'ġestjoni kondiviża jenħtieġ li jipprovdu l-proviżjonament tal-garanzija, abbażi ta' rata ta' proviżjonament determinata mill-Kummissjoni fid-dawl tan-natura tal-operazzjonijiet u tat-telf mistenni riżultanti, u l-Istat Membru jġorr it-telf li jkun ogħla mit-telf mistenni billi joħroġ garanzija dahar ma' dahar favur l- | (20) Il-kompartiment tal-Istat Membru jenħtieġ li jkun imfassal speċifikament sabiex jippermetti l-użu ta' fondi b'ġestjoni kondiviża għall-proviżjonament ta' garanzija maħruġa mill-Unjoni. Din il-kombinazzjoni timmira li timmobilizza l-klassifikazzjoni għolja tal-kreditu tal-Unjoni biex tippromwovi investimenti nazzjonali u reġjonali filwaqt li tiżgura ġestjoni konsistenti tar-riskju tar-responsabbiltajiet kontinġenti billi timplimenta l-garanzija mogħtija mill-Kummissjoni b'ġestjoni indiretta. L-Unjoni jenħtieġ li tiggarantixxi l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment previsti mill-ftehim(iet) ta' garanzija konklużi bejn il-Kummissjoni u l-partijiet inkarigati mill-implimentazzjoni fil-kompartiment tal-Istat Membru, il-Fondi b'ġestjoni kondiviża jenħtieġ li jipprovdu l-proviżjonament tal-garanzija, abbażi ta' rata ta' proviżjonament determinata mill-Kummissjoni ***bi qbil mal-Istat Membru*** fid-dawl tan-natura tal-operazzjonijiet u tat-telf mistenni riżultanti, u l-Istat Membru jġorr it-telf li jkun ogħla mit-telf mistenni billi joħroġ garanzija |

Unjoni. Dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi fi ftehim ta' kontribuzzjoni waħdieni ma' kull Stat Membru li jagħżel din l-għażla b'mod volontarju. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni jenħtieġ li jinkludi ftehim ta' garanzija speċifiku wieħed (jew aktar) li jkun se jiġi implimentat fl-Istat Membru kkonċernat. L-iffissar tar-rata ta' proviżjonament fuq bażi ta' każ b'każ jeħtieġ deroga mill-[Artikolu 211(1)] tar-Regolament (UE, Euratom) Nru XXXX[19] (ir-“Regolament Finanzjarju"). Dan id-disinn jipprovdi wkoll sett uniku ta' regoli għal garanziji baġitarji appoġġati minn fondi ġestiti b'mod ċentrali jew minn fondi b'ġestjoni kondiviża, u dan għandu jiffaċilita l-kombinazzjoni tagħhom.

dahar ma' dahar favur l-Unjoni. Dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jiġu konklużi fi ftehim ta' kontribuzzjoni waħdieni ma' kull Stat Membru li jagħżel din l-għażla b'mod volontarju. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni jenħtieġ li jinkludi ftehim ta' garanzija speċifiku wieħed (jew aktar) li jkun se jiġi implimentat fl-Istat Membru kkonċernat. L-iffissar tar-rata ta' proviżjonament fuq bażi ta' każ b'każ jeħtieġ deroga mill-[Artikolu 211(1)] tar-Regolament (UE, Euratom) Nru XXXX[19] (ir-“Regolament Finanzjarju"). Dan id-disinn jipprovdi wkoll sett uniku ta' regoli għal garanziji baġitarji appoġġati minn fondi ġestiti b'mod ċentrali jew minn fondi b'ġestjoni kondiviża, u dan għandu jiffaċilita l-kombinazzjoni tagħhom.

---

19

Or. en

**Emenda 241**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jkun miftuħ għal kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi li huma membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, għal pajjiżi aderenti, għal kandidati u kandidati potenzjali, għal pajjiżi koperti mill-politika tal-Viċinat u għal pajjiżi oħra, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti bejn Unjoni u dawk il-pajjiżi. Dan mistenni li jippermetti li titkompla l-kooperazzjoni mal-pajjiżi rilevanti, fejn ikun xieraq, b'mod partikolari fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll l-SMEs. | (21) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jkun miftuħ għal kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi li huma membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, għal pajjiżi aderenti, għal kandidati u kandidati potenzjali, għal pajjiżi koperti mill-politika tal-Viċinat u għal pajjiżi oħra, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti bejn Unjoni u dawk il-pajjiżi. Dan mistenni li jippermetti li titkompla l-kooperazzjoni mal-pajjiżi rilevanti, fejn ikun xieraq, b'mod partikolari fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll l-SMEs. ***Barra*** |

| | |
|---|---|
| | ***minn hekk, jenħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni u jingħata appoġġ sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq il-karburanti fossili u jiżdied l-aċċess għal enerġija rinnovabbli affordabbli, kif ukoll sabiex jiġi appoġġat l-aċċess għax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni f'konformità mal-SDGs.*** |

Or. en

**Emenda 242**
**Eva Kaili**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Il-garanzija tal-UE ta' EUR 38 000 000 000 (fi prezzijiet kurrenti) fil-livell tal-Unjoni hija mistennija li timmobilizza ***aktar minn*** EUR 650 000 000 000 f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni u jenħtieġ li tiġi allokata b'mod indikattiv bejn is-sezzjonijiet ta' politika. | (23) Il-garanzija tal-UE ***għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE*** ta' EUR 38 000 000 000 (fi prezzijiet kurrenti) fil-livell tal-Unjoni ***flimkien ma' EUR 9 500 000 minn sħab finanzjarji*** hija mistennija li timmobilizza ***mill-inqas*** EUR 650 000 000 000 f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni u jenħtieġ li tiġi allokata b'mod indikattiv bejn is-sezzjonijiet ta' politika. ***Madankollu, din il-mira timplika multiplikatur ta' 13.7 li huwa inqas mill-multiplikatur ta' 15.0 projettat fil-FEIS. L-ispirtu tal-Fond InvestEU huwa li jikseb multiplikatur aktar ambizzjuż minn 13.7.*** |

Or. en

**Emenda 243**
**Sander Loones**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Il-garanzija tal-UE ta' ***EUR 38 000 000 000*** (fi prezzijiet kurrenti) fil-livell tal-Unjoni hija mistennija li timmobilizza aktar minn ***EUR 650 000 000 000*** f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni ***u*** jenħtieġ li tiġi allokata b'mod indikattiv bejn is-sezzjonijiet ta' politika. | (23) Il-garanzija tal-UE ta' ***EUR 31 250 000 000*** (fi prezzijiet kurrenti) fil-livell tal-Unjoni hija mistennija li timmobilizza aktar minn ***EUR 600 000 000 000*** f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni ***filwaqt li żżid l-impatt tal-baġit tal-UE billi "isir aktar b'inqas riżorsi". Il-garanzija tal-UE*** jenħtieġ li tiġi allokata b'mod indikattiv bejn is-sezzjonijiet ta' politika. |

Or. en

**Emenda 244**
**José Manuel Fernandes, Roberto Gualtieri**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Il-garanzija tal-UE ta' ***EUR 38 000 000 000*** (fi prezzijiet kurrenti) fil-livell tal-Unjoni hija mistennija li timmobilizza aktar minn ***EUR 650 000 000 000*** f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni u jenħtieġ li tiġi allokata b'mod indikattiv bejn is-sezzjonijiet ta' politika. | (23) Il-garanzija tal-UE ta' ***EUR 40 817 500 000*** (fi prezzijiet kurrenti) fil-livell tal-Unjoni hija mistennija li timmobilizza aktar minn ***EUR 698 194 079 000*** f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni u jenħtieġ li tiġi allokata b'mod indikattiv bejn is-sezzjonijiet ta' politika. |

Or. en

**Emenda 245**
**Paul Rübig**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Il-garanzija tal-UE ta' ***EUR 38 000 000 000*** (fi prezzijiet kurrenti) fil-livell tal- | (23) Il-garanzija tal-UE ta' ***EUR 40 817 500 000*** (fi prezzijiet kurrenti) |

| | |
|---|---|
| Unjoni hija mistennija li timmobilizza aktar minn EUR 650 000 000 000 f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni u jenħtieġ li tiġi allokata ***b'mod indikattiv*** bejn is-sezzjonijiet ta' politika. | fil-livell tal-Unjoni hija mistennija li timmobilizza aktar minn EUR 650 000 000 000 f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni u jenħtieġ li tiġi allokata bejn is-sezzjonijiet ta' politika. |

Or. en

**Emenda 246**
**Gérard Deprez**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Il-garanzija tal-UE ta' ***EUR 38 000 000 000*** (fi prezzijiet kurrenti) fil-livell tal-Unjoni hija mistennija li timmobilizza aktar minn EUR 650 000 000 000 f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni u jenħtieġ li tiġi allokata ***b'mod indikattiv*** bejn is-sezzjonijiet ta' politika. | (23) Il-garanzija tal-UE ta' ***EUR 40 817 500 000*** (fi prezzijiet kurrenti) fil-livell tal-Unjoni hija mistennija li timmobilizza aktar minn EUR 650 000 000 000 f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni u jenħtieġ li tiġi allokata bejn is-sezzjonijiet ta' politika. |

Or. en

**Emenda 247**
**Barbara Kappel**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Il-garanzija tal-UE ta' EUR 38 000 000 000 (fi prezzijiet kurrenti) fil-livell tal-Unjoni hija mistennija li timmobilizza aktar minn EUR 650 000 000 000 f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni u jenħtieġ li tiġi allokata b'mod indikattiv bejn is-sezzjonijiet ta' politika. | (23) Il-garanzija tal-UE ***għall-finijiet tal-kompartiment tal-UE*** ta' EUR 38 000 000 000 (fi prezzijiet kurrenti) fil-livell tal-Unjoni ***flimkien ma' EUR 9 500 000 000 minn sħab finanzjarji*** hija mistennija li timmobilizza aktar minn EUR 650 000 000 000 f'investiment addizzjonali madwar l-Unjoni u jenħtieġ li tiġi allokata b'mod indikattiv bejn is-sezzjonijiet ta' politika. |

Or. en

**Emenda 248**
**Esther de Lange**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-kompartiment tal-Istati Membri fil-forma ta' garanziji jew flus kontanti. Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Kunsill fl-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), kontribuzzjonijiet minn Stati Membri fil-forma ta' garanziji jew flus kontanti fil-kompartiment tal-Istati Membri, jew kontribuzzjonijiet minn Stat Membru jew minn banek promozzjonali nazzjonali kklassifikati fis-settur tal-gvern ġenerali jew li jaġixxu f'isem Stat Membru fi pjattaformi ta' investiment, jenħtieġ li ma jikkwalifikawx bħala miżuri ta' darba biss skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97.*** |

Or. en

**Emenda 249**
**Eva Kaili**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-kompartiment tal-Istati Membri fil-forma ta' garanziji jew flus kontanti. Mingħajr preġudizzju għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***prerogattivi tal-Kunsill fl-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, kontribuzzjonijiet minn Stati Membri fil-forma ta' garanziji jew flus kontanti fil-kompartiment tal-Istati Membri, jew kontribuzzjonijiet minn Stat Membru jew minn Banek Promozzjonali Nazzjonali kklassifikati fis-settur tal-gvern ġenerali, jew li jaġixxu f'isem l-Istat Membru fi pjattaformi ta' investiment, jenħtieġ li jikkwalifikaw bħala miżuri ta' darba biss skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97.*** |

Or. en

**Emenda 250**
**Jonás Fernández, Pervenche Berès**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jiżgura li l-garanzija tal-UE fil-livell tal-Unjoni tintuża wkoll bħala strument ta' investiment kontroċikliku. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kull sena, matul iċ-ċiklu tal-ħarifa tas-Semestru Ewropew, il-prospetti ekonomiċi tal-Istati Membri li jużaw il-programm InvestEU, inkluż il-kontribut tiegħu għall-għadd ta' impjiegi maħluqa u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli. B'kunsiderazzjoni ta' dan it-tbassir għaċ-ċiklu ekonomiku tal-UE, il-Kummissjoni għandha, għall-eżerċizzju baġitarju li jmiss, taġġusta l-ammont tal-garanzija tal-UE disponibbli, ir-rata ta' proviżjonament li għandha tiġi applikata u l-multiplikatur li għandu jinkiseb.*** |

Or. en

**Emenda 251**
**Jonás Fernández, Pervenche Berès**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23b) Sabiex taġġusta dawn il-valuri, il-Kummissjoni għandha tqis l-ammont globali tal-garanzija tal-UE assenjat diġà, ir-rata medja ta' proviżjonament żgurata u l-multiplikatur medju miksub għall-perjodu ta' żmien partikolari u skont il-programm.*** |

Or. en

**Emenda 252**
**Dimitrios Papadimoulis, Liadh Ní Riada**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess għar-riċevituri finali. Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu li jilħqu l-għanijiet tal-Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura speċifika ta' governanza ***biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE***. | (24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess għar-riċevituri finali. Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu li jilħqu l-għanijiet tal-Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà. ***Sabiex jittejbu t-trasparenza, l-effiċjenza, l-obbligu ta' rendikont u jiġi żgurat l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE,*** il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura speċifika ta' governanza***, kompletament*** |

| | |
|---|---|
| | ***separata minn dik tal-Grupp tal-BEI*.** |

Or. en

**Emenda 253**
**Othmar Karas, Eva Maydell**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess għar-riċevituri finali. Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu li jilħqu l-għanijiet tal-Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà. ***Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura speċifika ta' governanza biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE.*** | (24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess ***għall-intermedjarji finanzjarji, fejn applikabbli, u*** għar-riċevituri finali. Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu li jilħqu l-għanijiet tal-Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tirrifletti l-emenda korrispondenti fl-abbozz ta' rapport iżda żżid kjarifika teknika li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jistgħu jużaw il-garanzija tal-UE biex jipprovdu appoġġ lill-intermedjarji finanzjarji, fejn applikabbli.*

**Emenda 254**
**Nils Torvalds, Ramon Tremosa i Balcells**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

(24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess għar-riċevituri finali. Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu li jilħqu l-għanijiet tal-Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura speċifika ta' governanza biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE.

(24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess għar-riċevituri finali. ***Jenħtieġ li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi fost is-sħab kollha inkarigati mill-implimentazzjoni u l-għażla tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jenħtieġ li tkun trasparenti, iġġustifikata min-natura tal-intervent u ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess.*** Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu li jilħqu l-għanijiet tal-Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura speċifika ta' governanza biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE.

Or. en

**Emenda 255**
**Eva Kaili**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess għar-riċevituri finali. Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu li jilħqu l-għanijiet tal- | (24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess ***għall-intermedjarji finanzjarji u*** għar-riċevituri finali. Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' |

Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura speċifika ta' governanza biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE. | investiment tiegħu li jilħqu l-għanijiet tal-Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura speċifika ta' governanza biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE.

Or. en

**Emenda 256**
**Barbara Kappel**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess għar-riċevituri finali. Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu li jilħqu l-għanijiet tal-Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura speċifika ta' governanza biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE. | (24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess ***għall-intermedjarji finanzjarji u*** għar-riċevituri finali. Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu li jilħqu l-għanijiet tal-Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura speċifika ta' governanza biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE. |

Or. en

**Emenda 257**
**Alfred Sant**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess għar-riċevituri finali. Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu li jilħqu l-għanijiet tal-Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura speċifika ta' governanza biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE. | (24) Il-garanzija tal-UE li ssejjes il-Fond InvestEU jenħtieġ li tiġi implimentata indirettament mill-Kummissjoni fejn din tistrieħ fuq is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jkollhom aċċess għar-riċevituri finali. Ftehim ta' garanzija li jalloka l-kapaċità ta' garanzija mill-Fond InvestEU jenħtieġ li jiġi konkluż mill-Kummissjoni ma' kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, biex jappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tiegħu li jilħqu l-għanijiet tal-Fond InvestEU u l-kriterji tal-eliġibbiltà ***mfassla apposta***. Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura speċifika ta' governanza biex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE. |

Or. en

**Emenda 258**
**Gabriel Mato**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) Il-Fond tal-InvestEU jenħtieġ li jkollu struttura adegwata ta' governanza, li l-funzjonijiet tagħha jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-iskop esklussiv li jiġi żgurat l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE. Din l-istruttura ta' governanza jenħtieġ li tkun komposta minn Kumitat Konsultattiv, Kumitat ta' Tmexxija u Kumitat ta' Investiment. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-kompatibbiltà tal-operazzjonijiet ta' investiment u finanzjament ippreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni mal-Liġi u l-politiki tal-Unjoni, filwaqt li deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment jenħtieġ li finalment jittieħdu mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.*** |

Or. es

**Emenda 259**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura xierqa ta' governanza li l-funzjoni tagħha jenħtieġ li tkun konformi mal-iskop uniku tagħha li tiżgura l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE. Dik l-istruttura ta' governanza jenħtieġ li tkun magħmula minn Bord Konsultattiv, Bord ta' Tmexxija u Kumitat tal-Investiment. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-kompatibbiltà mad-dritt u mal-politiki tal-Unjoni tal-operazzjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament ippreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni permezz ta' proċedura ddedikata filwaqt li d-deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment jenħtieġ li, fl-aħħar mill-aħħar, jittieħdu minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 260**
**Eider Gardiazabal Rubial**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura xierqa ta' governanza li l-funzjoni tagħha jenħtieġ li tkun konformi mal-iskop uniku tagħha li*** |

| | |
|---|---|
| | ***tiżgura l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE. Dik l-istruttura ta' governanza jenħtieġ li tkun magħmula minn Bord Konsultattiv, Bord ta' Tmexxija u Kumitat tal-Investiment. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-kompatibbiltà mad-dritt u mal-politiki tal-Unjoni tal-operazzjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament ippreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni permezz ta' proċedura ddedikata filwaqt li d-deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment jenħtieġ li, fl-aħħar mill-aħħar, jittieħdu minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 261**
**Othmar Karas, Eva Maydell**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jingħata struttura xierqa ta' governanza li l-funzjoni tagħha jenħtieġ li tkun konformi mal-iskop uniku tagħha li tiżgura l-użu xieraq tal-garanzija tal-UE, filwaqt li tiżgura indipendenza politika tad-deċiżjonijiet dwar l-investiment u tkun konformi man-natura xprunata mis-suq tal-Fond InvestEU. Dik l-istruttura ta' governanza jenħtieġ li tkun magħmula minn Bord ta' Tmexxija, Bord Konsultattiv u Kumitat tal-Investiment kompletament indipendenti.*** |

Or. en

**Emenda 262**
**Eva Kaili**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) Bord ta' Tmexxija bi rwol eżekuttiv biex jieħu deċiżjonijiet skont l-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament magħmul minn erba' membri li jinħatru mill-Kummissjoni Ewropea, żewġ esperti li jinħatru mill-Parlament Ewropew u żewġ membri li jinħatru mill-Grupp tal-BEI. Il-membri kollha li jiffurmaw il-Bord ta' Tmexxija għandhom ikunu jistgħu jivvutaw. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens.*** |

Or. en

**Emenda 263**
**Eva Kaili**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord Konsultattiv li jikkonsisti f'rappreżentanti tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u f'rappreżentanti tal-Istati Membri sabiex jiskambja informazzjoni u għal skambji dwar l-adozzjoni tal-prodotti finanzjarji skjerati taħt il-Fond InvestEU u biex jiddiskuti dwar il-ħtiġijiet li qed jevolvu u prodotti ġodda, inklużi lakuni fis-suq speċifiċi territorjali. | (25) Jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord Konsultattiv li jikkonsisti f'rappreżentanti tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u f'rappreżentanti tal-Istati Membri ***flimkien ma' rappreżentanti minn Kumitati rilevanti tal-Parlament Ewropew,*** sabiex jiskambja informazzjoni u għal skambji dwar l-adozzjoni tal-prodotti finanzjarji skjerati taħt il-Fond InvestEU u biex jiddiskuti dwar il-ħtiġijiet li qed jevolvu u prodotti ġodda, inklużi lakuni fis-suq speċifiċi territorjali. |

Or. en

**Emenda 264**

**Gabriel Mato**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord Konsultattiv li jikkonsisti f'rappreżentanti ***tas-sħab*** inkarigati mill-implimentazzjoni u f'rappreżentanti tal-Istati Membri sabiex jiskambja informazzjoni u għal skambji dwar l-adozzjoni tal-prodotti finanzjarji skjerati taħt il-Fond InvestEU u biex jiddiskuti dwar il-ħtiġijiet li qed jevolvu u prodotti ġodda, inklużi lakuni fis-suq speċifiċi territorjali. | (25) Jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord Konsultattiv li jikkonsisti f'rappreżentanti ***tal-Kummissjoni, fil-Grupp tal-Bank Ewropew ta' Investiment,*** fis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u f'rappreżentanti tal-Istati Membri sabiex jiskambja informazzjoni u għal skambji dwar l-adozzjoni tal-prodotti finanzjarji skjerati taħt il-Fond InvestEU u biex jiddiskuti dwar il-ħtiġijiet li qed jevolvu u prodotti ġodda, inklużi lakuni fis-suq speċifiċi territorjali. |

Or. es

**Emenda 265**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(26) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-kompatibbiltà mal-liġi u l-politiki tal-Unjoni tal-operazzjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament preżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni filwaqt li d-deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment jenħtieġ li, fl-aħħar mill-aħħar, jittieħdu minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tali proċedura ddewwem b'mod sinifikanti l-proċedura ta' approvazzjoni.*

**Emenda 266**
**Esther de Lange**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(26) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-kompatibbiltà mal-liġi u l-politiki tal-Unjoni tal-operazzjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament preżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni filwaqt li d-deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment jenħtieġ li, fl-aħħar mill-aħħar, jittieħdu minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 267**
**Othmar Karas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-kompatibbiltà mal-liġi u l-politiki tal-Unjoni tal-operazzjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament preżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni filwaqt li d-deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment jenħtieġ li, fl-aħħar mill-aħħar, jittieħdu minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni***. | (26) ***Il-Bord ta' Tmexxija jenħtieġ li jistabbilixxi l-orjentazzjoni strateġika tal-Fond InvestEU, il-politiki u l-proċeduri operattivi meħtieġa għall-funzjonament tal-Fond InvestEU u r-regoli applikabbli għall-operazzjonijiet bi pjattaformi ta' investiment. Il-Bord ta' Tmexxija jenħtieġ li jkun magħmul minn sitt membri kif ġej: tliet membri li jinħatru mill-Kummissjoni; membru wieħed li jinħatar mill-Bank Ewropew tal-Investiment; membru wieħed li jinħatar mill-Korp Konsultattiv fost ir-rappreżentanti tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li jenħtieġ li ma jkunx rappreżentant tal-BEI u espert wieħed li*** |

***jinħatar mill-Parlament Ewropew, li jenħtieġ li ma jitlobx jew jaċċetta istruzzjonijiet mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni, minn kwalunkwe gvern ta' Stat Membru jew minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor u jenħtieġ li jaġixxi b'indipendenza sħiħa kif ukoll iwettaq id-dmirijiet tiegħu jew tagħha b'mod imparzjali u fl-interess tal-Fond InvestEU. Il-minuti ddettaljati tal-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija jenħtieġ li jiġu ppubblikati malli jiġu approvati mill-Bord ta' Tmexxija u l-Parlament Ewropew jenħtieġ li jiġi nnotifikat b'mod immedjat dwar il-pubblikazzjoni tagħhom***.

Or. en

**Emenda 268**
**Eva Kaili**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) ***Il-Kummissjoni*** jenħtieġ li ***tivvaluta l-kompatibbiltà mal-liġi u l-politiki tal-Unjoni tal-operazzjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament preżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni filwaqt li d-deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment jenħtieġ li, fl-aħħar mill-aħħar, jittieħdu minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni.*** | (26) ***Il-Bord ta' Tmexxija*** jenħtieġ li ***jistabbilixxi l-orjentazzjonijiet strateġiċi tal-Fond InvestEU u r-regoli meħtieġa għall-funzjonament tiegħu, u jenħtieġ li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-operazzjonijiet bi pjattaformi ta' investiment;*** |

Or. en

**Emenda 269**
**Gabriel Mato**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) ***Il-Kummissjoni*** jenħtieġ li ***tevalwa*** l-kompatibbiltà tal-operazzjonijiet ta' investiment u finanzjament ippreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni mal-Liġi u l-politiki tal-Unjoni, filwaqt li deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment jenħtieġ li finalment jittieħdu mis-soċji implimentattivi. | (26) ***Il-Kumitat ta' Tmexxija*** jenħtieġ li ***jevalwa*** l-kompatibbiltà tal-operazzjonijiet ta' investiment u finanzjament ippreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni mal-Liġi u l-politiki tal-Unjoni, filwaqt li deċiżjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment jenħtieġ li finalment jittieħdu mis-soċji implimentattivi. |

Or. es

**Emenda 270**
**Esther de Lange**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) Jenħtieġ li jiġi stabbilit Kumitat ta' Tmexxija magħmul minn persuni li jinħatru mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Bank Ewropew tal-Investiment, mis-Sħab inkarigati mill-Implimentazzjoni, u minn espert mingħajr vot li jinħatar mill-Parlament Ewropew sabiex jiġi żgurat li l-governanza tal-programm InvestEU jkollha l-bilanċ it-tajjeb bejn il-kompetenza politika u ta' investiment.*** |

Or. en

**Emenda 271**
**Zbigniew Kuźmiuk, Stanisław Ożóg**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| ***(27) Tim tal-Proġetti li jikkonsisti f'esperti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jipprovdu kompetenza professjonali fil-valutazzjoni finanzjarja u teknika tal-finanzjament propost u tal-operazzjonijiet ta' investiment jenħtieġ li jippunteġġja l-proġetti ppreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jiġu vvalutati mill-Kumitat tal-Investiment.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Duplikazzjoni tal-kompiti, pereżempju permezz ta' banek nazzjonali li jkunu għalkollox kapaċi jabbozzaw il-profili tar-riskju jew jivverifikaw il-kriterji ta' eliġibbiltà; istituzzjoni oħra, li tuża l-metodoloġija tagħha stess, tista' tikkawża problemi u ttawwal il-proċeduri mingħajr ebda valur miżjud.*

**Emenda 272**
**Eva Kaili**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(27) Tim tal-Proġetti li jikkonsisti f'esperti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jipprovdu kompetenza professjonali fil-valutazzjoni finanzjarja u teknika tal-finanzjament propost u tal-operazzjonijiet ta' investiment jenħtieġ li jippunteġġja l-proġetti ppreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jiġu vvalutati mill-Kumitat tal-Investiment.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 273**

**Dimitrios Papadimoulis, Liadh Ní Riada**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(27) Tim tal-Proġetti li jikkonsisti f'esperti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jipprovdu kompetenza professjonali fil-valutazzjoni finanzjarja u teknika tal-finanzjament propost u tal-operazzjonijiet ta' investiment jenħtieġ li jippunteġġja l-proġetti ppreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jiġu vvalutati mill-Kumitat tal-Investiment.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 274**
**Esther de Lange**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(27) Tim tal-Proġetti li jikkonsisti f'esperti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jipprovdu kompetenza professjonali fil-valutazzjoni finanzjarja u teknika tal-finanzjament propost u tal-operazzjonijiet ta' investiment jenħtieġ li jippunteġġja l-proġetti ppreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jiġu vvalutati mill-Kumitat tal-Investiment.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 275**

**Eider Gardiazabal Rubial**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) ***Tim tal-Proġetti li jikkonsisti f'esperti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni*** mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ***sabiex jipprovdu kompetenza professjonali fil-valutazzjoni finanzjarja u teknika tal-finanzjament propost u*** tal-operazzjonijiet ta' investiment ***jenħtieġ li jippunteġġja l-proġetti ppreżentati*** mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ***sabiex jiġu vvalutati mill-Kumitat tal-Investiment.*** | (27) ***Qabel ma proġett jiġi ppreżentat lill-Kumitat tal-Investiment, il-Kummissjoni Ewropea għandha tivvaluta l-kompatibbiltà mad-dritt u mal-politiki tal-Unjoni tal-operazzjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament ippreżentati*** mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni***. Proċedura ddedikata għandha tippermetti lill-Kummissjoni twettaq kontroll tal-kwalità fuq id-diliġenza dovuta*** tal-operazzjonijiet ***ta' finanzjament u*** ta' investiment proposti ***mwettqa*** mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni***. Il-Kummissjoni tista' titlob kjarifika mingħand is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq u għandha taġġusta l-klassifikazzjonijiet fit-Tabella ta' valutazzjoni dwar il-kwistjonijiet mhux finanzjarji kif xieraq***. |

Or. en

**Emenda 276**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) ***Tim tal-Proġetti li jikkonsisti f'esperti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni*** mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ***sabiex jipprovdu kompetenza professjonali fil-valutazzjoni finanzjarja u teknika tal-finanzjament propost u*** tal-operazzjonijiet ta' investiment | (27) ***Qabel ma proġett jgħaddi għand il-Kumitat tal-Investiment, il-Kummissjoni Ewropea għandha tivvaluta l-kompatibbiltà mad-dritt u mal-politiki tal-Unjoni tal-operazzjonijiet ta' investiment u ta' finanzjament ippreżentati*** mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni**.** |

| | |
|---|---|
| ***jenħtieġ li jippunteġġja l-proġetti ppreżentati*** mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ***sabiex jiġu vvalutati mill-Kumitat tal-Investiment***. | ***Proċedura ddedikata għandha tippermetti lill-Kummissjoni twettaq kontroll tal-kwalità fuq id-diliġenza dovuta*** tal-operazzjonijiet ***ta' finanzjament u*** ta' investiment ***proposti mwettqa*** mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni***. Il-Kummissjoni tista' titlob kjarifika mingħand is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq u għandha taġġusta l-klassifikazzjonijiet fit-Tabella ta' valutazzjoni dwar il-kwistjonijiet mhux finanzjarji kif xieraq***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bit-tħassir tat-tim tal-proġetti, u fin-nuqqas ta' proċedura ddedikata, ir-regolamentazzjoni ma tħalli l-ebda lok lill-Kummissjoni biex twettaq verifika waħda fil-livell tal-proġett. Dan jagħmel il-proposti tar-rapporteur (bħall-Emenda 16 dwar il-kompatibbiltà mad-dritt u l-politika tal-Unjoni, l-Emenda 87 dwar it-tabella ta' valutazzjoni, u l-Emenda 90 li ssemmi kontroll tal-konformità mill-Kummissjoni) sempliċement impossibbli biex jiġu implimentati fil-prattika. Il-mekkaniżmu għal din il-proċedura tal-Kummissjoni huwa spjegat f'aktar dettall permezz tal-proposti dwar l-Artikoli 17 u 18.*

**#Emenda 277**
**Othmar Karas, Eva Maydell**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) ***Tim tal-Proġetti li jikkonsisti f'esperti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jipprovdu kompetenza professjonali fil-valutazzjoni finanzjarja u teknika tal-finanzjament propost u tal-operazzjonijiet ta' investiment*** jenħtieġ li ***jippunteġġja l-proġetti ppreżentati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sabiex jiġu vvalutati mill-Kumitat*** tal-Investiment. | (27) Jenħtieġ li ***jiġi pprovdut segretarjat sabiex jassisti lill-Kumitat*** tal-Investiment ***u lill-Bord ta' Tmexxija fid-dmirijiet segretarjali u amministrattivi***. ***Il-Bord ta' Tmexxija jenħtieġ li jadotta r-regoli ta' proċedura u jistabbilixxi arranġamenti għall-ġestjoni tas-segretarjat.*** |

Or. en

**Emenda 278**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru ***mill-inqas tliet Stati Membri***. Madankollu, huwa mistenni li ***madwar 75 % tal-garanzija*** tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se ***jiġi allokat*** lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru | (30) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru ***Stat Membru wieħed jew aktar***. ***Meta s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jkopru aktar minn Stat Membru wieħed, ir-responsabbiltà kuntrattwali tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jenħtieġ*** |

| | |
|---|---|
| prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha. | ***li tibqa' limitata mill-mandati nazzjonali rispettivi tagħhom.*** Madankollu, huwa mistenni li ***parti kbira mill-garanzija*** tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se ***tiġi allokata*** lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha. |

Or. en

**Emenda 295**
**Esther de Lange**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru mill-inqas tliet Stati Membri. Madankollu, ***huwa mistenni li madwar 75 %*** tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se jiġi allokat ***lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha***. | (30) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru mill-inqas tliet Stati Membri. Madankollu, ***mill-inqas EUR 30 000 000 000*** tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se jiġi allokat ***lill-Bank Ewropew tal-Investiment***. |

Or. en

**Emenda 296**
**Sander Loones**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt ***il-kompartiment tal-UE*** tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru ***mill-inqas tliet Stati Membri***. Madankollu, huwa mistenni li madwar 75 % tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se jiġi allokat ***lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni*** li ***jistgħu joffru*** prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha. | (30) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt ***iż-żewġ kompartimenti*** tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq ***speċifiċi madwar l-Unjoni u/jew tal-Istati Membri*** u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru ***Stat Membru wieħed jew aktar***. Madankollu, huwa mistenni li madwar 75 % tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se jiġi allokat ***lill-grupp tal-BEI*** li ***jista' joffri*** prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha. |

Or. en

**Emenda 297**
**Alfred Sant**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru ***mill-inqas tliet*** Stati Membri. Madankollu, huwa mistenni li madwar 75 % tal- | (30) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru Stati Membri ***differenti***. Madankollu, huwa mistenni li madwar 75 % tal-garanzija tal- |

| | |
|---|---|
| garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se jiġi allokat lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha. | UE taħt il-kompartiment tal-UE se jiġi allokat lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha. |

Or. en

**Emenda 298**
**Tamás Deutsch**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru mill-inqas tliet Stati Membri. Madankollu, huwa mistenni li madwar 75 % tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se jiġi allokat lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha. | (30) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru mill-inqas tliet Stati Membri. Madankollu, huwa mistenni li madwar 75 % tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se jiġi allokat lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha. ***Fi tmiem il-perjodu ta' investiment, is-sehem tal-investiment fi kwalunkwe wieħed mit-tliet banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali tal-Istati Membri flimkien jenħtieġ li ma jaqbiżx 45 % tal-portafoll totali, imkejjel mill-ammonti ta' self jew ta' investiment iffirmati.*** |

Or. en

**Emenda 299**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru mill-inqas tliet Stati Membri. Madankollu, huwa mistenni li madwar 75 % tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se jiġi allokat lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha. | (30) Sabiex jiġi żgurat li l-interventi taħt il-kompartiment tal-UE tal-Fond InvestEU jiffokaw fuq fallimenti tas-suq ***u fil-koordinazzjoni*** u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali fil-livell tal-Unjoni iżda fl-istess waqt jissodisfaw l-għanijiet tal-aqwa firxa ġeografika possibbli, il-garanzija tal-UE jenħtieġ li tiġi allokata lil sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, li waħedhom jew flimkien ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni oħra jistgħu jkopru mill-inqas tliet Stati Membri. Madankollu, huwa mistenni li madwar 75 % tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE se jiġi allokat lis-sieħeb/sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li jistgħu joffru prodotti finanzjarji taħt il-Fond InvestEU fl-Istati Membri kollha. |

Or. en

**Emenda 300**
**Dimitrios Papadimoulis, Liadh Ní Riada**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(31) Il-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-Istat Membru jenħtieġ li tiġi allokata lil kwalunkwe sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni eliġibbli skont [l-Artikolu 62(1)(c)] tar-[Regolament Finanzjarju], inklużi banek jew istituzzjonijiet promozzjonali*** | ***imħassar*** |

| | |
|---|---|
| ***nazzjonali jew reġjonali, il-BEI, il-Fond Ewropew tal-Investiment u banek ta' żvilupp multilaterali oħrajn. Meta tagħżel sħab inkarigati mill-implimentazzjoni taħt il-kompartiment tal-Istat Membru, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-proposti magħmula minn kull Stat Membru. Skont [l-Artikolu 154] tar-[Regolament Finanzjarju], il-Kummissjoni trid twettaq valutazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni sabiex tiżgura li dan ikun qed jipprovdi livell ta' protezzjoni għall-interess finanzjarju tal-Unjoni li jkun ekwivalenti għal dak provdut mill-Kummissjoni.*** | |

Or. en

**Emenda 301**
**Barbara Kappel**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Il-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-Istat Membru jenħtieġ li tiġi allokata lil kwalunkwe sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni eliġibbli skont [l-Artikolu 62(1)(c)] tar-[Regolament Finanzjarju], inklużi banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jew reġjonali, ***il-BEI, il-Fond Ewropew tal-Investiment*** u banek ta' żvilupp multilaterali oħrajn. Meta tagħżel sħab inkarigati mill-implimentazzjoni taħt il-kompartiment tal-Istat Membru, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-proposti magħmula minn kull Stat Membru. Skont [l-Artikolu 154] tar-[Regolament Finanzjarju], il-Kummissjoni trid twettaq valutazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni sabiex tiżgura li dan ikun qed jipprovdi livell ta' protezzjoni għall-interess | (31) Il-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-Istat Membru jenħtieġ li tiġi allokata lil kwalunkwe sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni eliġibbli skont [l-Artikolu 62(1)(c)] tar-[Regolament Finanzjarju], inklużi banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jew reġjonali, ***il-Grupp tal-BEI*** u banek ta' żvilupp multilaterali oħrajn. ***Meta l-iskjerament tal-kompartiment tal-Istati Membri jkollu l-għan li jimmira lejn azzjonijiet ta' politika diġà indirizzati mill-Kompartiment tal-UE permezz ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment simili, il-kompartiment tal-Istati Membri u l-kompartiment tal-UE għandu jkollhom l-istess sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.*** Meta tagħżel sħab inkarigati mill-implimentazzjoni taħt il-kompartiment tal-Istat Membru, il- |

| | |
|---|---|
| finanzjarju tal-Unjoni li jkun ekwivalenti għal dak provdut mill-Kummissjoni. | Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-proposti magħmula minn kull Stat Membru. Skont [l-Artikolu 154] tar-[Regolament Finanzjarju], il-Kummissjoni trid twettaq valutazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni sabiex tiżgura li dan ikun qed jipprovdi livell ta' protezzjoni għall-interess finanzjarju tal-Unjoni li jkun ekwivalenti għal dak provdut mill-Kummissjoni. |

Or. en

**Emenda 302**
**Eva Kaili**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Il-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-Istat Membru jenħtieġ li tiġi allokata lil kwalunkwe sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni eliġibbli skont [l-Artikolu 62(1)(c)] tar-[Regolament Finanzjarju], inklużi banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jew reġjonali, il-BEI, il-Fond Ewropew tal-Investiment u banek ta' żvilupp multilaterali oħrajn. Meta tagħżel sħab inkarigati mill-implimentazzjoni taħt il-kompartiment tal-Istat Membru, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-proposti magħmula minn kull Stat Membru. Skont [l-Artikolu 154] tar-[Regolament Finanzjarju], il-Kummissjoni trid twettaq valutazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni sabiex tiżgura li dan ikun qed jipprovdi livell ta' protezzjoni għall-interess finanzjarju tal-Unjoni li jkun ekwivalenti għal dak provdut mill-Kummissjoni. | (31) Il-garanzija tal-UE fil-kompartiment tal-Istat Membru jenħtieġ li tiġi allokata lil kwalunkwe sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni eliġibbli skont [l-Artikolu 62(1)(c)] tar-[Regolament Finanzjarju], inklużi banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jew reġjonali, il-BEI, il-Fond Ewropew tal-Investiment u banek ta' żvilupp multilaterali oħrajn. ***Meta l-iskjerament tal-kompartiment tal-Istati Membri jkollu l-għan li jmmira lejn azzjonijiet ta' politika diġà indirizzati mill-kompartiment tal-UE permezz ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment simili, il-kompartiment tal-Istati Membri u l-kompartiment tal-UE għandu jkollhom l-istess sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.*** Meta tagħżel sħab inkarigati mill-implimentazzjoni taħt il-kompartiment tal-Istat Membru, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-proposti magħmula minn kull Stat Membru. Skont [l-Artikolu 154] tar-[Regolament Finanzjarju], il-Kummissjoni trid twettaq |

| | |
|---|---|
| | valutazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni sabiex tiżgura li dan ikun qed jipprovdi livell ta' protezzjoni għall-interess finanzjarju tal-Unjoni li jkun ekwivalenti għal dak provdut mill-Kummissjoni. |

Or. en

**Emenda 303**
**Barbara Kappel**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fl-aħħar mill-aħħar jenħtieġ li jiġu deċiżi minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni f'ismu stess, u għandhom ikunu implimentati skont ir-regoli u l-proċeduri interni tiegħu ***u kontabilizzati fir-rapporti finanzjarji tiegħu stess***. Għalhekk il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi esklużivament għal kwalunkwe obbligazzjoni finanzjarja li tirriżulta mill-garanzija tal-UE u tiżvela l-ammont massimu ta' garanzija, inkluża l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-garanzija provduta. | (32) L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fl-aħħar mill-aħħar jenħtieġ li jiġu deċiżi minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni f'ismu stess, u għandhom ikunu implimentati skont ir-regoli u l-proċeduri interni tiegħu. Għalhekk il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi esklużivament għal kwalunkwe obbligazzjoni finanzjarja li tirriżulta mill-garanzija tal-UE u tiżvela l-ammont massimu ta' garanzija, inkluża l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-garanzija provduta. |

Or. en

**Emenda 304**
**Eva Kaili**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fl-aħħar mill-aħħar jenħtieġ | (32) L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fl-aħħar mill-aħħar jenħtieġ |

| | |
|---|---|
| li jiġu deċiżi minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni f'ismu stess, u għandhom ikunu implimentati skont ir-regoli u l-proċeduri interni tiegħu ***u kontabilizzati fir-rapporti finanzjarji tiegħu stess***. Għalhekk il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi esklużivament għal kwalunkwe obbligazzjoni finanzjarja li tirriżulta mill-garanzija tal-UE u tiżvela l-ammont massimu ta' garanzija, inkluża l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-garanzija provduta. | li jiġu deċiżi minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni f'ismu stess, u għandhom ikunu implimentati skont ir-regoli u l-proċeduri interni tiegħu. Għalhekk il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi esklużivament għal kwalunkwe obbligazzjoni finanzjarja li tirriżulta mill-garanzija tal-UE u tiżvela l-ammont massimu ta' garanzija, inkluża l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-garanzija provduta. |

Or. en

**Emenda 305**
**Marco Valli**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li***, fejn xieraq,*** jippermetti taħlita bla xkiel u effiċjenti ta' għotjiet u/jew strumenti finanzjarji, iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni jew ***mill-Fond ta' Innovazzjoni tas-Sistema tan-Negozjar tal-Emissjonijiet tal-UE (ETS) b'dik il-garanzija*** f'sitwazzjonijiet fejn dan ikun neċessarju biex jiġu sostnuti l-aħjar l-investimenti li jistgħu jindirizzaw fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. | (33) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li jippermetti ***u jappoġġa*** taħlita bla xkiel u effiċjenti ta' għotjiet u/jew strumenti finanzjarji, iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni jew ***minn sorsi oħra*** f'sitwazzjonijiet fejn dan ikun neċessarju biex jiġu sostnuti l-aħjar l-investimenti li jistgħu jindirizzaw fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. |

Or. en

**Emenda 306**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li, fejn xieraq, jippermetti taħlita bla xkiel u effiċjenti ta' għotjiet u/jew strumenti finanzjarji, iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni jew mill-Fond ta' Innovazzjoni tas-Sistema tan-Negozjar tal-Emissjonijiet tal-UE (ETS) b'dik il-garanzija f'sitwazzjonijiet fejn dan ikun neċessarju biex jiġu sostnuti l-aħjar l-investimenti li jistgħu jindirizzaw fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. | (33) Il-Fond InvestEU jenħtieġ li, fejn xieraq, jippermetti taħlita bla xkiel u effiċjenti ta' għotjiet u/jew strumenti finanzjarji, iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni jew mill-Fond ta' Innovazzjoni tas-Sistema tan-Negozjar tal-Emissjonijiet tal-UE (ETS) b'dik il-garanzija f'sitwazzjonijiet fejn dan ikun neċessarju biex jiġu sostnuti l-aħjar l-investimenti li jistgħu jindirizzaw fallimenti tas-suq ***u fil-koordinazzjoni*** jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. |

Or. en

**Emenda 307**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp ta' riżerva b'saħħitha ta' proġetti ta' investiment f'kull sezzjoni ta' politika. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst komponent transsettorjali fil-qafas tal-Programm InvestEU biex jiżgura punt tad-dħul wieħed u għajnuna transpolitika għall-iżvilupp ta' proġetti għall-programmi tal-Unjoni ġestiti b'mod ċentrali. | (35) Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp ta' riżerva b'saħħitha ta' proġetti ta' investiment f'kull sezzjoni ta' politika***, filwaqt li jipprevedi implimentazzjoni effettiva ta' diversifikazzjoni ġeografika bil-għan li jikkontribwixxi għall-għan tal-Unjoni ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u tat-tnaqqis tad-dispartijiet reġjonali. Iċ-Ċentru tal-Konsulenza jenħtieġ li jagħti attenzjoni partikolari lill-ħtieġa li jiġu aggregati proġetti żgħar u li dawn jiġu raggruppati f'portafolji akbar***. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst komponent transsettorjali fil-qafas tal-Programm InvestEU biex jiżgura punt tad-dħul wieħed u għajnuna transpolitika għall-iżvilupp ta' proġetti għall-programmi tal-Unjoni ġestiti b'mod ċentrali. |

Or. en

**Emenda 308**
**Ivana Maletić**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp ta' riżerva b'saħħitha ta' proġetti ta' investiment f'kull sezzjoni ta' politika. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst komponent transsettorjali fil-qafas tal-Programm InvestEU biex jiżgura punt tad-dħul wieħed u għajnuna transpolitika għall-iżvilupp ta' proġetti għall-programmi tal-Unjoni ġestiti b'mod ċentrali. | (35) Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp ta' riżerva b'saħħitha ta' proġetti ta' investiment f'kull sezzjoni ta' politika ***u għandu jiġi ġestit mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u istituzzjonijiet oħra li jsawru s-suq inklużi atturi filantropiċi***. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst komponent transsettorjali fil-qafas tal-Programm InvestEU biex jiżgura punt tad-dħul wieħed u għajnuna transpolitika għall-iżvilupp ta' proġetti għall-programmi tal-Unjoni ġestiti b'mod ċentrali. |

Or. en

**Emenda 309**
**Othmar Karas, Eva Maydell**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp ta' riżerva b'saħħitha ta' proġetti ta' investiment f'kull sezzjoni ta' politika. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst komponent transsettorjali fil-qafas tal-Programm InvestEU biex jiżgura punt tad-dħul wieħed u għajnuna transpolitika għall-iżvilupp ta' proġetti għall-programmi tal- | (35) Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp ta' riżerva b'saħħitha ta' proġetti ta' investiment f'kull sezzjoni ta' politika***, filwaqt li jqis kif xieraq l-għarfien espert u l-kapaċità lokali tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni***. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst komponent transsettorjali fil-qafas tal-Programm InvestEU biex jiżgura punt tad-dħul |

| | |
|---|---|
| Unjoni ġestiti b'mod ċentrali. | wieħed u għajnuna transpolitika għall-iżvilupp ta' proġetti għall-programmi tal-Unjoni ġestiti b'mod ċentrali. |

Or. en

**Emenda 310**
**Othmar Karas, Eva Maydell**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Sabiex tiġi żgurata firxa ġeografika wiesgħa tas-servizzi ta' konsulenza madwar l-Unjoni u biex jiġi sfruttat b'suċċess l-għarfien lokali dwar il-Fond InvestEU, jenħtieġ li tiġi żgurata preżenza lokali tal-Konsulenza tal-InvestEU, fejn tkun meħtieġa, ***filwaqt li jitqiesu*** l-iskemi ta' appoġġ eżistenti, bl-għan li tiġi pprovduta assistenza tanġibbli, proattiva u mfassla apposta fil-post. | (36) Sabiex tiġi żgurata firxa ġeografika wiesgħa tas-servizzi ta' konsulenza madwar l-Unjoni u biex jiġi sfruttat b'suċċess l-għarfien lokali dwar il-Fond InvestEU, jenħtieġ li tiġi żgurata preżenza lokali tal-Konsulenza tal-InvestEU, fejn tkun meħtieġa, ***billi tikkomplementa*** l-iskemi ta' appoġġ eżistenti ***u l-preżenza tas-sħab lokali***, bl-għan li tiġi pprovduta assistenza tanġibbli, proattiva u mfassla apposta fil-post. ***Sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' appoġġ konsultattiv fil-livell lokali, iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU jenħtieġ li jikkoopera ma' banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, reġjonali jew lokali u l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, kif ukoll jibbenefika u jagħmel użu mill-għarfien espert tagħhom. Fl-Istati Membri fejn il-banek jew l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, reġjonali jew lokali ma jeżistux, iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU jenħtieġ li jipprovdi, fejn xieraq, u fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, appoġġ konsultattiv proattiv dwar l-istabbiliment ta' tali bank jew istituzzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 311**
**Dimitrios Papadimoulis, Liadh Ní Riada**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Sabiex tiġi żgurata firxa ġeografika wiesgħa tas-servizzi ta' konsulenza madwar l-Unjoni u biex jiġi sfruttat b'suċċess l-għarfien lokali dwar il-Fond InvestEU, jenħtieġ li tiġi żgurata preżenza lokali tal-Konsulenza tal-InvestEU***, fejn tkun meħtieġa***, filwaqt li jitqiesu l-iskemi ta' appoġġ eżistenti, bl-għan li tiġi pprovduta assistenza tanġibbli, proattiva u mfassla apposta fil-post. | (36) Sabiex tiġi żgurata firxa ġeografika wiesgħa tas-servizzi ta' konsulenza madwar l-Unjoni u biex jiġi sfruttat b'suċċess l-għarfien lokali dwar il-Fond InvestEU, jenħtieġ li tiġi żgurata preżenza lokali ***f'kull Stat Membru u fir-reġjuni*** tal-Konsulenza tal-InvestEU, filwaqt li jitqiesu l-iskemi ta' appoġġ eżistenti, bl-għan li tiġi pprovduta assistenza tanġibbli, proattiva u mfassla apposta fil-post. |

Or. en

**Emenda 312**
**Ivana Maletić**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Sabiex tiġi żgurata firxa ġeografika wiesgħa tas-servizzi ta' konsulenza madwar l-Unjoni u biex jiġi sfruttat b'suċċess l-għarfien lokali dwar il-Fond InvestEU, jenħtieġ li tiġi żgurata preżenza lokali tal-Konsulenza tal-InvestEU, fejn tkun meħtieġa, filwaqt li jitqiesu l-iskemi ta' appoġġ eżistenti, bl-għan li tiġi pprovduta assistenza tanġibbli, proattiva u mfassla apposta fil-post. | (36) Sabiex tiġi żgurata firxa ġeografika wiesgħa tas-servizzi ta' konsulenza madwar l-Unjoni u biex jiġi sfruttat b'suċċess l-għarfien lokali dwar il-Fond InvestEU, jenħtieġ li tiġi żgurata preżenza lokali tal-Konsulenza tal-InvestEU, fejn tkun meħtieġa, filwaqt li jitqiesu l-iskemi ta' appoġġ eżistenti, bl-għan li tiġi pprovduta assistenza tanġibbli, proattiva u mfassla apposta fil-post. ***Iċ-Ċentru tal-Konsulenza għandu jinkludi riżorsa għall-filantropija/għall-filantropija konġunta ("pjattaforma kollaborattiva") li tipprovdi gwida u appoġġ mhux biss fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' garanzija, iżda matul l-ispettru sħiħ tal-opportunitajiet ta' kollaborazzjoni bejn il-promoturi tal-*** |

***proġett, l-investituri potenzjali fl-ekosistema tal-innovazzjoni soċjali u l-istituzzjonijiet Ewropej.***

Or. en

**Emenda 313**
**Gabriel Mato**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(36a) Iċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU jenħtieġ li jipprovdi appoġġ ta' konsultazzjoni għal proġetti żgħar u medji u proġetti ta' intrapriżi emerġenti, speċjalment meta dawn ifittxu li jipproteġu l-investimenti tagħhom fir-riċerka u l-innovazzjoni billi jiksbu titoli ta' proprjetà intellettwali, bħal privattivi.*** |

Or. es

**Emenda 314**
**Othmar Karas, Eva Maydell**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(36a) Iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU jenħtieġ li jipprovdi appoġġ konsultattiv lil proġetti żgħar u proġetti għal negozji ġodda, pereżempju meta n-negozji l-ġodda jfittxu li jipproteġu l-investimenti tagħhom fir-riċerka u l-innovazzjoni billi jiksbu titoli ta' proprjetà intellettwali (PI), bħal privattivi.*** |

Or. en

**Emenda 315**
**Marco Valli**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Fil-kuntest tal-Fond InvestEU, hemm il-ħtieġa li jinbena appoġġ għall-bini tal-kapaċità sabiex jiġu żviluppati l-kapaċitajiet organizzazzjonali u l-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq meħtieġa biex jiġu oriġinati proġetti ta' kwalità. ***Minbarra dan,*** l-għan huwa li jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-espansjoni tal-għadd potenzjali ta' riċevituri eliġibbli f'segmenti kummerċjali emerġenti, b'mod partikolari meta d-daqs żgħir ta' proġetti individwali jgħolli b'mod konsiderevoli l-ispiża tat-tranżazzjoni fil-livell tal-proġett, bħall-każ tal-ekosistema tal-finanzi soċjali. L-appoġġ għall-bini tal-kapaċità ***għalhekk*** jenħtieġ li jkun kumplimentari u addizzjonali għall-azzjonijiet imwettqa skont programmi oħra tal-Unjoni li jkopru qasam ta' politika speċifiku. | (37) Fil-kuntest tal-Fond InvestEU, hemm il-ħtieġa li ***jiġi pprovdut l-iżvilupp tal-proġetti u*** jinbena appoġġ għall-bini tal-kapaċità sabiex jiġu żviluppati l-kapaċitajiet organizzazzjonali u l-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq meħtieġa biex jiġu oriġinati proġetti ta' kwalità. ***L-appoġġ jenħtieġ li jkun immirat b'mod speċjali lejn l-appoġġ tal-bini tal-kapaċità tal-promoturi tal-proġetti, b'mod partikolari l-awtoritajiet pubbliċi u l-fornituri tas-servizz lokali u reġjonali.*** L-għan huwa li jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-espansjoni tal-għadd potenzjali ta' riċevituri eliġibbli ***anke*** f'segmenti kummerċjali ***u lokali*** emerġenti, b'mod partikolari meta d-daqs żgħir ta' proġetti individwali jgħolli b'mod konsiderevoli l-ispiża tat-tranżazzjoni fil-livell tal-proġett, bħall-każ tal-ekosistema tal-finanzi soċjali. L-appoġġ għall-bini tal-kapaċità jenħtieġ li jkun kumplimentari u addizzjonali għall-azzjonijiet imwettqa skont programmi oħra tal-Unjoni li jkopru qasam ta' politika speċifiku. |

Or. en

**Emenda 316**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(37a) Minħabba r-rekord pożittiv tal-*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***banek promozzjonali nazzjonali fil-ġenerazzjoni, ir-raggruppament u l-finanzjament ta' proġetti, pereżempju fi proġetti relatati mal-effiċjenza enerġetika u mal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira fil-livell lokali u reġjonali, l-għarfien espert tagħhom jenħtieġ li jiġi raggruppat fiċ-ċentri tal-konsulenza u r-rwol tagħhom bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jenħtieġ li jibqa' jiġi stmat.*** |

Or. en

**Emenda 317**
**Dimitrios Papadimoulis, Liadh Ní Riada**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Jenħtieġ li jiġi implimentat qafas sod ta' monitoraġġ li jkun ibbażat fuq il-produzzjoni, l-eżiti u l-indikaturi tal-impatt biex jissorvelja l-progress lejn l-għanijiet tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà lejn iċ-ċittadini Ewropej, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta kull sena għand il-Parlament Ewropew ***u*** il-Kunsill dwar il-progress, l-impatt u l-operazzjonijiet tal-Programm InvestEU. | (40) Jenħtieġ li jiġi implimentat qafas sod ta' monitoraġġ li jkun ibbażat fuq il-produzzjoni, l-eżiti u l-indikaturi tal-impatt biex jissorvelja l-progress lejn l-għanijiet tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà lejn iċ-ċittadini Ewropej, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta kull sena għand il-Parlament Ewropew**,** il-Kunsill ***u l-Istati Membri*** dwar il-progress, l-impatt u l-operazzjonijiet tal-Programm InvestEU. ***B'riżultat ta' dan, se jkollu jiġi prodott Rapport Annwali u jkun aċċessibbli għall-Istati Membri kollha peress li dawn huma l-partijiet ikkonċernati inizjali.*** |

Or. en

**Emenda 318**
**Othmar Karas, Eva Maydell**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Jenħtieġ li jiġi implimentat qafas sod ta' monitoraġġ li jkun ibbażat fuq il-produzzjoni, l-eżiti u l-indikaturi tal-impatt biex jissorvelja l-progress lejn l-għanijiet tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà lejn iċ-ċittadini Ewropej, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta kull sena għand il-Parlament Ewropew u il-Kunsill dwar il-progress, l-impatt u l-operazzjonijiet tal-Programm InvestEU. | (40) Jenħtieġ li jiġi implimentat qafas sod ta' monitoraġġ li jkun ibbażat fuq il-produzzjoni, l-eżiti u l-indikaturi tal-impatt biex jissorvelja l-progress lejn l-għanijiet tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà lejn iċ-ċittadini Ewropej, il-Kummissjoni ***u l-Bord ta' Tmexxija*** jenħtieġ li tirrapporta kull sena għand il-Parlament Ewropew u il-Kunsill dwar il-progress, l-impatt u l-operazzjonijiet tal-Programm InvestEU. |

Or. en

**Emenda 319**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (44) Pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-ftehim ŻEE, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-ftehim. Pajjiżi terzi jistgħu wkoll jipparteċipaw fuq il-bażi ta' strumenti legali oħra. F'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika biex jingħataw id-drittijiet u l-aċċess meħtieġa, lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabiex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. | (44) Pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-ftehim ŻEE, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-ftehim. Pajjiżi terzi jistgħu wkoll jipparteċipaw fuq il-bażi ta' strumenti legali oħra. F'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika biex jingħataw id-drittijiet u l-aċċess meħtieġa, lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabiex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv ***u jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni biex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda u jiġu protetti l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***interessi finanzjarji tagħha.*** |

Or. en

**Emenda 320**
**Dimitrios Papadimoulis, Liadh Ní Riada**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(45a) L-investimenti taħt InvestEU jenħtieġ li jkunu sikuri u jżommu ġestjoni finanzjarja soda, u għalhekk jenħtieġ li l-politiki kontra l-frodi jiġu żgurati u mtejba ulterjorment. Jenħtieġ li jiġu ddefiniti dispożizzjonijiet speċjali sabiex jiġu esklużi kumpaniji offshore u kumpaniji bbażati f'pajjiżi "li ma jikkooperawx". Il-kooperazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) u mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jenħtieġ li tiġi żgurata għal dan il-għan.*** |

Or. en

**Emenda 321**
**Othmar Karas, Eva Maydell**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (46) Sabiex l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jiġu ssupplimentati b'linji gwida dwar l-investiment li magħhom l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment jenħtieġ li jikkonformaw, sabiex jiġi ffaċilitat adattament fil-pront u flessibbli tal-indikaturi tal-prestazzjoni u sabiex tiġi aġġustata r-rata ta' proviżjonament, is-setgħa tal-adozzjoni tal- | (46) Sabiex l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jiġu ssupplimentati b'linji gwida dwar l-investiment***, li jenħtieġ li jiġu żviluppati mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni taħt il-Programm InvestEU wara li jitwettqu konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa,*** li magħhom l-operazzjonijiet ta' finanzjament |

atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-tfassil tal-linji gwida dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment taħt sezzjonijiet ta' politika differenti, l-emenda tal-Anness III ta' dan ir-Regolament biex jiġu reveduti jew ikkumplimentati l-indikaturi u l-aġġustament tar-rata ta' proviżjonament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

u ta' investiment jenħtieġ li jikkonformaw, sabiex jiġi ffaċilitat adattament fil-pront u flessibli tal-indikaturi tal-prestazzjoni u sabiex tiġi aġġustata r-rata ta' proviżjonament, is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-tfassil tal-linji gwida dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment taħt sezzjonijiet ta' politika differenti, l-emenda tal-Anness III ta' dan ir-Regolament biex jiġu reveduti jew ikkumplimentati l-indikaturi u l-aġġustament tar-rata ta' proviżjonament. ***F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, tali linji gwida dwar l-investiment jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet xierqa sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn.*** Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet ***pubbliċi miftuħa*** xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Or. en

**Emenda 322**
**Nicola Caputo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (46) Sabiex l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jiġu ssupplimentati b'linji gwida dwar l-investiment li magħhom l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment jenħtieġ li jikkonformaw, sabiex jiġi ffaċilitat adattament fil-pront u flessibli tal-indikaturi tal-prestazzjoni u sabiex tiġi aġġustata r-rata ta' proviżjonament, is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-tfassil tal-linji gwida dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment taħt sezzjonijiet ta' politika differenti, l-emenda tal-Anness III ta' dan ir-Regolament biex jiġu reveduti jew ikkumplimentati l-indikaturi u l-aġġustament tar-rata ta' proviżjonament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. | (46) Sabiex l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jiġu ssupplimentati ***b'indikazzjonijiet fir-rigward tal-arranġamenti ta' governanza li skonthom il-promoturi li jfittxu finanzjamenti għandhom ifornu informazzjoni adegwata dwar il-valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment mill-aspett tal-klima u tas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali u*** b'linji gwida dwar l-investiment li magħhom l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment jenħtieġ li jikkonformaw, sabiex jiġi ffaċilitat adattament fil-pront u flessibli tal-indikaturi tal-prestazzjoni u sabiex tiġi aġġustata r-rata ta' proviżjonament, is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-tfassil tal-linji gwida dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment taħt sezzjonijiet ta' politika differenti, l-emenda tal-Anness III ta' dan ir-Regolament biex jiġu reveduti jew ikkumplimentati l-indikaturi u l-aġġustament tar-rata ta' proviżjonament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. |

Or. it

**Emenda 323**

**Sander Loones**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 47**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (47) Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali madwar ***l-UE*** u jipprovdi għal ittestjar għas-suq fl-Unjoni ta' prodotti finanzjarji innovattivi u sistemi għat-tixrid tagħhom, għal fallimenti tas-suq ġodda jew kumplessi. Għalhekk, azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġustifikata, | (47) Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jindirizza l-fallimenti tas-suq ***speċifiċi*** u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali madwar ***l-Unjoni u/jew tal-Istati Membri*** u jipprovdi għal ittestjar għas-suq fl-Unjoni ta' prodotti finanzjarji innovattivi u sistemi għat-tixrid tagħhom, għal fallimenti tas-suq ġodda jew kumplessi. Għalhekk, azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġustifikata, |

Or. en

**Emenda 324**
**Jordi Solé, Sven Giegold**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 47**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (47) Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali madwar l-UE u jipprovdi għal ittestjar għas-suq fl-Unjoni ta' prodotti finanzjarji innovattivi u sistemi għat-tixrid tagħhom, għal fallimenti tas-suq ġodda jew kumplessi. Għalhekk, azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġustifikata, | (47) Il-Programm InvestEU jenħtieġ li jindirizza l-fallimenti tas-suq ***u fil-koordinazzjoni*** u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali madwar l-UE u jipprovdi għal ittestjar għas-suq fl-Unjoni ta' prodotti finanzjarji innovattivi u sistemi għat-tixrid tagħhom, għal fallimenti tas-suq ġodda jew kumplessi. Għalhekk, azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġustifikata, |

Or. en